PJ(MZ6)

*NUMRU SPEĊJALI*

# Leħen il-Malti

(Maħruġ Mill-Għaqda Tal-Malti – Università)

## MAL-KORDI TA' L-ARPA

**Salmi**

**ta'**

**Ġ. AQUILINA**

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

*Għannu Bil-Ferħ Lil Alla, Qawwa Tagħna*
*Għajjtu Lil Alla Ta' Ġakobb*
(Salm 81 [80])

L-XLI Sena | 1972 | Għadd 17

## Kumitati ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) għas-snin 1971-1972

*Kumitat Ċentrali*

| | |
|---|---|
| *President:* | Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), F.R.A.S. |
| *Viċi-President:* | Ġużè Cardona, B.A.(Hons.), M.A. |
| *Segretarju:* | Francis P. Mifsud |
| *Assistent Segretarju:* | Cesare Catania |
| *Kaxxiera:* | Mary Rose Gatt, B.A.(Gen.), B.A.(Hons.) |
| *Assistent Kaxxiera:* | Helen Aquilina |
| *Uffiċjal Propaganda:* | Alfred P. Mifsud |
| *Membri:* | Alfred Degabriele, B.A.<br>Tony Preca<br>Joseph Buttigieg<br>Mario L. Falzon<br>Tonio Azzopardi |

* * * * *

| | |
|---|---|
| *Editur:* | Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), F.R.A.S. |
| *Assistent Editur:* | P.D. Fenech, B.A.(Gen.), B.A.(Hons.), M.A., O.S.A. |

* * * * *

*Sotto-Kumitat Fergħa Drammatika*

| | |
|---|---|
| *President:* | Ġanni Bonnici, B.Pharm. |
| *Segretarju:* | Joseph Buttigieg |
| *Membri:* | Alfred Scalpello, Philip Leone Ganado |

* * * * *

*Sotto-Kumitat Fergħa Kulturali*

| | |
|---|---|
| *President:* | Cesare Catania |
| *Segretarja:* | Isabella Camilleri Galea |
| *Membri:* | Mario Costa, Tonio Azzopardi, Mario Falzon, Ġorġ Muscat. |

# LEHEN IL-MALTI

L-XLI SENA 1972 GHADD 17

## MAL-KORDI TA' L-ARPA

*Stenbaħ, ruħi, stenbħu, arpa u kitarra, ħa nqajjem is-sebħ.* Salm 57 (56) 9

IL-BNIEDEM qatt ma jgħix waħdu. Igħaddi ħajtu nofsu fid-dinja li taqa' taħt is-sensi, u nofsu fid-dinja ta' ġo fih li ma tintlaħaqx bis-sensi, imma li xorta waħda jħossha reali daqs id-dinja ta' barra minnu nnifsu Dawn huma ż-żewġ dinjiet fejn il-bniedem igħix il-personalità doppja tiegħu, dik ta' l-*ispiritwalità* u dik ta' l-*animalità*, li flimkien jagħmluh dak li l-filosofi jiddefinixxu bħala annimal raġunevoli. Kull bniedem iżomm għalhekk djalogu ma' żewġ dinjiet, id-dinja ta' barra minnu nnifsu fejn dejjem tiħrax il-ġlieda għall-għajxien u s-setgħa, u d-dinja ta' ġo fih fejn tiħrax it-taqbida bejnu u bejn Alla. Għal dawk li 'l Alla ma jħossuhx, it-taqbida hija bħal sparar fl-ajru, balal u nirien jixterdu ma' dwaru addoċċ mingħajr pjan u mingħajr sens. Għal min 'l Alla jħossu, id-djalogu huwa bejn żewġ persuni, bejn il-Ħallieq u l-maħluq, bejn il-liġi u min irid joqgħod għaliha, bejn is-sultan u s-sudditi. Il-liġi tas-Sultan tordna u twiddeb bl-awtorità, u lil min jiksirha tikkastigah. L-akbar kastig li jista' jġarrab bniedem li 'l Alla jħossu ġo fih u fl-istess ħin iwarrbu, joħroġ mill-kuxjenza tiegħu mqallba, bħal bastun twil twil li jsawtek sa ma jkissirlek għadmek, jew inkella bħal serp li jitkagħweġ ma' qaddek u jibqa' jrossok sa ma jaqtagħlek nifsek.

Id-djalogu bejn Alla u l-Bniedem, f'ħinijiet ta' deċiżjoni jew sitwazzjonijiet problematiċi, ħafna drabi jqalleb ir-ruħ minn egħruqha u xnixilha, bħal ma riħ qawwi jqalleb il-baħar minn qiegħu. Min għandu ġo fih issens t'Alla, għandu ġo fih is-sens tal-liġi Tiegħu; bit-toqol tal-piż tagħha kollu. Meta din il-liġi jiksirha, f'xi ħin jew ieħor, għal raġuni jew oħra, iħoss is-sens tad-dnub, l-eħrex turment tar-ruħ li tħossha ħatja.

Min 'l Alla ma jemminx fih jew ma jqimux jew jidgħilu (u b'hekk ikun iwaqqa' lilu nnifsu għax kif tista' tidgħi lil min ma temminx fih?) jonkella jrahhamlu l-maħfra u ma jistabarx qabel ma jħossu b'idu merfugħa fuq rasu, waqt li jgħidlu: "Dnubietek maħfura. Mur, la terġax iżjed."

Min imbagħad m'għandux dnub fuq ruħu ħalli jerfa' l-ġebla, u jitfagħha; imma ħadd mhu se jerfagħha u jitfagħha, għax ħadd ma hu bla dnub. Il-Madalena kienet waħda, imma fl-istess ħin kienet aħna lkoll, in-nies dgħajfin tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada. L-istess kienu l-Fariżej, in-nies ta' żewġ uċuħ li jaraw it-tibna f'għajn ħaddieħor u ma jarawx it-travu f'għajnejhom.

IS-SALM *MISERERE* BIL-LHUDI

2 א לַמְנַצֵּחַ מִזְמוֹר לְדָוִד׃ בְּבוֹא־אֵלָיו נָתָן הַנָּבִיא כַּאֲשֶׁר־
3 בָּא אֶל־בַּת־שָׁבַע׃ חָנֵּנִי אֱלֹהִים כְּחַסְדֶּךָ כְּרֹב רַחֲמֶיךָ
4 ה מְחֵה פְשָׁעָי׃ הֶרֶבה כַּבְּסֵנִי מֵעֲוֺנִי וּמֵחַטָּאתִי טַהֲרֵנִי׃ כִּי־
6 פְשָׁעַי אֲנִי אֵדָע וְחַטָּאתִי נֶגְדִּי תָמִיד׃ לְךָ לְבַדְּךָ ׀ חָטָאתִי
וְהָרַע בְּעֵינֶיךָ עָשִׂיתִי לְמַעַן־תִּצְדַּק בְּדָבְרֶךָ תִּזְכֶּה בְשָׁפְטֶךָ׃
7 8 הֵן־בְּעָווֹן חוֹלָלְתִּי וּבְחֵטְא יֶחֱמַתְנִי אִמִּי׃ הֵן אֱמֶת חָפַצְתָּ
9 בַטֻּחוֹת וּבְסָתֻם חָכְמָה תוֹדִיעֵנִי׃ תְּחַטְּאֵנִי בְאֵזוֹב וְאֶטְהָר
י תְּכַבְּסֵנִי וּמִשֶּׁלֶג אַלְבִּין׃ תַּשְׁמִיעֵנִי שָׂשׂוֹן וְשִׂמְחָה תָּגֵלְנָה
11 עֲצָמוֹת דִּכִּיתָ׃ הַסְתֵּר פָּנֶיךָ מֵחֲטָאָי וְכָל־עֲוֺנֹתַי מְחֵה׃
12 13 לֵב טָהוֹר בְּרָא־לִי אֱלֹהִים וְרוּחַ נָכוֹן חַדֵּשׁ בְּקִרְבִּי׃ אַל־
14 תַּשְׁלִיכֵנִי מִלְּפָנֶיךָ וְרוּחַ קָדְשְׁךָ אַל־תִּקַּח מִמֶּנִּי׃ הָשִׁיבָה
טו לִּי שְׂשׂוֹן יִשְׁעֶךָ וְרוּחַ נְדִיבָה תִסְמְכֵנִי׃ אֲלַמְּדָה פֹשְׁעִים
16 דְּרָכֶיךָ וְחַטָּאִים אֵלֶיךָ יָשׁוּבוּ׃ הַצִּילֵנִי מִדָּמִים ׀ אֱלֹהִים
17 אֱלֹהֵי תְּשׁוּעָתִי תְּרַנֵּן לְשׁוֹנִי צִדְקָתֶךָ׃ אֲדֹנָי שְׂפָתַי תִּפְתָּח
18 וּפִי יַגִּיד תְּהִלָּתֶךָ׃ כִּי ׀ לֹא־תַחְפֹּץ זֶבַח וְאֶתֵּנָה עוֹלָה
19 לֹא תִרְצֶה׃ זִבְחֵי אֱלֹהִים רוּחַ נִשְׁבָּרָה לֵב־נִשְׁבָּר וְנִדְכֶּה
כ אֱלֹהִים לֹא תִבְזֶה׃ הֵיטִיבָה בִרְצוֹנְךָ אֶת־צִיּוֹן תִּבְנֶה
21 חוֹמוֹת יְרוּשָׁלִָם׃ אָז תַּחְפֹּץ זִבְחֵי־צֶדֶק עוֹלָה וְכָלִיל אָז
יַעֲלוּ עַל־מִזְבַּחֲךָ פָרִים׃

Wieħed mill-kotba l-iktar magħrufa tal-Għaqda l-Qadima huwa l-ktieb tas-Salmi li ħafna minnhom kitibhom is-Sultan David, qaddis poeta ta' Jahwe li mhux dejjem felaħ għat-tentazzjonijiet tad-dinja. Waqa' u qam fuq

riġlejh, imma qam sogħbien u b'qalbu maqsuma, mirgħux quddiem Alla, il-ħallieq ta' kull ma jinsab ma' dwarna. Hu stqarr dnubietu, bil-forma ta' poeżija salmodika, imfawra bit-tixbih ta' qalb tħoss u immaġinazzjoni ħajja u tiddi qisha ħuġġieġa nar. Is-Salmi ta' David u dawk miktubin minn oħrajn Asaf u ulied Qorah ifaħħru 'l Alla, jitolbuh il-ħniena, u jsejħu l-midinba għall-indiema.

TAQBIL TA' ŻEWĠ STILI TA' SALMI

*Ir-ruħ sogħbiena titlob maħfra 'l Alla*

*Silta mis-Salm 51(50)*
*Qlib ta' P.P. Saydon*

*Lill-mexxej tal-kant; Salm; ta' David, 2 meta mar għandu Natan, il-profeta, wara li kien resaq lejn Betseba.*

Henn għalija, ja Alla, skond tjubitek, skond il-kobor ta' ħnientek ħassar ħtijieti. Aħsilni għal kollox minn ħtijieti u minn dnubi naddafni.

Iwa, ħtijieti jien nafhom, u dnubi quddiemi dejjem. Lejk, lejk waħdek, dnibt u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt; hekk jidher li hi tas-sewwa il-kelma tiegħek u bla tebgħa il-ħaqq tiegħek.

Ara fil-ħtija jien twelidt, u fid-dnub nissiltni ommi.

Ara, Inti tħobb is-sewwa fil-qalb, ġewwa fija nett Int tgħallimni l-għerf. Bixxni biż-żuf u nindaf; aħsilni u aktar mis-silġ nibjad. Semmagħni (kliem ta') hena u ferħ, u jifraħ l-għadam li Int farrakt. Warrab wiċċek minn dnubieti, u ħtijieti kollha ħassar.

*Silta mis-Salm "Miserere"*
*Kitba ta' Ġ. Aquilina*

Oħloq qalb oħra, Mulej * imħassra din qalbi għax fiha għammar id-dnub.

Ara, jien tlift is-Sewwa tal-Kelma Tiegħek * imma, Mulej, la ddawwarx wiċċek minni.

Niżlu madwari d-dlamijiet tal-lejl u jien ħrabt mill-maqdes tiegħek * ikollok ħniena mir-ruħ tiegħi.

Neħħejt minn imnifsejja l-irwejjaħ ta' l-inċens u għidt * iqammat il-jasar iebes tal-Mulej.

Għax Hu jxekkilni minn riġlejja * u l-hena tas-sensi ma jaħmel.

U ħarġu madwari jħufu l-erwieħ il-ħżiena * u dawn sefsfuli f'widnejja:

Itlaq 'l Alla tiegħek għax Hu medhi Bih innifsu * Hu le ma jisma' talbek għax ogħla mill-kwiekeb Għamartu.

Ħalqek dgħajjef u rmiek għal rajk * tista' dgħajsa bi qlugħ imżarrad tofroq il-baħar?

Le, le, iebes il-Mulej tagħkom malbniedem * għax Hu ma jħennx għall-krib ta' ruħ imjassra.

Is-Salmi fihom element poetiku qawwi mhux għaliex is-sultan David u salmisti oħrajn mal-medda tas-snin kitbuhom għar-regħba tal-fama bħala poeti ta' did-dinja, imma għax ħassew jiġri qawwi fihom l-ispirtu t'Alla, il-għadab tiegħu u l-maħfra ta' mħabbtu. Minn din il-fidi ntgħaġnet il-poeżija salmodika, għajta ta' qlub għatxana għal Alla, moħbi u mistur u, li kieku kien jista' jkun, wieħed iċarrat minn quddiem wiċċu l-istar li jaħbih ħalli 'l Alla nsiru nafuh wiċċ-imb-wiċċ, mhux wara sħaba imma għall-inqas bħal Mosè li ltaqa' miegħu fuq il-ġebel Sinaj, narawh wiċċu mixgħul minn nirien hekk qawwija li għajnejna ma jkunux jifilħu jħarsu lejh. Aħna ulied is-seklu għoxrin, bħal dawk ta' qabilna minn l-ewwel Milied, u dawk ta' wrajna li għad jitwieldu, wiċċ Alla narawh tad-demm u l-laħam f'wiċċ bniedem ieħor bħalna, Ġesù Kristu ta' Nazaret. Jahwe deher lil Mosè fuq Sinaj bħala xemx — Leħen igħajjat minn ġon-nirien u l-leħħ igħammex 'l-għajnejn. Jahwe niżel minn fuq il-muntanja għall-wita ta' l-art wara li libes ġisem bħal tagħna, mingħand mara bħal ommna, u xandar l-Aħbar it-Tajba, is-Saltna t'Alla fuq din l-art, u l-imħabba ta' bejn l-aħwa li hi l-imħabba ta' bejn il-ġnus. Ma' Kristu flok il-qilla ta' Jahwe, daħlet l-imħabba; imma ma' Kristu daħlet ukoll kuxjenza tad-dnub aktar fina u rqiqa minsuġa ħaġa waħda ma' l-Imħabba mweġġgħa għax ma hemmx turment ikbar minn dak li tkun taf li weġġajt lil min ħabbek u għax ħabbek miet għalik.

Il-Kristjaneżmu, illum fi stat ta' kriżi minn ġewwa u minn barra, huwa storja twila ta' dawk li lil Kristu ħabbewh u tawh kollox, u l-istorja ta' dawk li bħali u miljuni oħra lil Kristu ħabbewh għax fih għarfu l-Feddej imma ma sabux żmien jew ma kellhomx il-ħila jagħtuh dak li stenna minn għandhom u ħafna drabi sa weġġgħuh b'nuqqas ta' ħsieb jew ħażen.

F'din il-ġabra ta' Salmi, jien minn żmien għal ieħor ippruvajt infisser din il-ġlieda tar-ruħ magħha nfisha, it-tnehid u l-biki tagħha, kull darba li bħal alpinista xortih ħażina tipprova tixxabbat ma' muntanja, tiżloq, titgerbeb u tistaħam qabel tkun laħqet il-quċċata tal-muntanja. F'dan l-istat ir-ruħ jew tiddispra, jew tittama fil-ħniena, tistenna 'l Alla jmidd idu fuqha biex jerfagħha. Jien naħseb li dan hu l-motiv ewlieni li qanqal lill-poeti tal-ktieb tas-Salmi *(sefer tebellim)* f'ħinijiet ta' swied il-qalb, xogħfa u sogħba; f'ħinijiet meta ħassew il-bżonn jidħlu fi djalogu ma' Alla, u ma jħallux lil ruħhom tnin weħidha, bla qatt ma tisma' Leħen il-Mulej ifarragħha.

Dawn il-kitbiet tiegħi sejjaħtilhom Salmi għax għandhom ħafna minnhom; ktibthom kif ħassejthom, bla regoli prosodiċi fissi, mewġiet ta' rit-

mi, waħda tirkeb lil oħra u lkoll flimkien jagħmlu mewġa ritmika waħda, kbira. Għandhom mis-salmi tal-Lhud, mingħajr ma nista' ngħid li tnebbaħt minnhom. Studju mqabbel ta' l-istil salmodiku jikxef xebh ta' motivi teokratiċi, imma fl-istess ħin wieħed iħoss differenza fl-istil tal-espressjoni. Kien ikolli għaliex nikteb salm ieħor ta' ndiema u tewba għal frugħati kieku kelli niftaħar li s-salmi li ktibt joqorbu lejn is-salmi ta' David u dawk l-oħra li kitbu bħalu; imma ma nħossx li nkun qiegħed nigdeb jekk ngħid li l-motiv jixxiebah. Dal-motiv huwa l-qima għal Alla u t-tingiż tad-dnub, it-turment tar-ruħ li temmen u tibqa' mifxula u mikduda sa ma Dak li ħafer lill-Madalena d-dnubiet li d-dinja riedet tħaġġarha għalihom, jerfa' idu biex ibierek u jgħid: "Qum: dnubietek maħfurin. La terġax iżjed!"

Dak jien, u jien min jien? Jien, hu, int, hi, aħna, intom, huma lkoll — dawk kollha li ħassew 'l Alla jimtedd u jitħarrek ġo fihom bħal riħ qawwi.

Jien u int, ħabib, aħna l-umanità. Dawn is-salmi huma tiegħi, imma huma wkoll tiegħek. Huma s-salmi tal-umanità, anki ta' dawk li jħossuhom hekk safjin, għax ferħanin bihom infushom li ma jsibuhiex bi tqila jiġbru l-ġebel mill-art biex iħaġġruna għal dnubietna. Nitolbu! Mulej, Mulej, ruħ imnaddfa u safja agħti lill-imħaġġra u lill-ħaġġarin.

17/xii/71

Radd ta' ħajr

Niżżi ħajr lill-istudent Francis P. Mifsud tas-sabar li ħa, jiġbor is-salmi mill-ġumali.

# MISERERE[1]

*Cor mundum crea in me, Deus * et spiritum rectum innova in visceribus meis.* Salm 50, 12.

Oħloq fija qalb oħra, Mulej * imħassra din qalbi għax fiha għammar id-dnub.

Ara, jien tlift is-Sewwa tal-Kelma Tiegħek * imma, Mulej, la ddawwarx wiċċek minni.

Niżlu madwari d-dlamijiet tal-lejl u jien ħrabt mill-maqdes tiegħek * ikollok ħniena mir-ruħ tiegħi.

Neħħejt minn imnifsejja l-irwejjaħ ta' l-inċens u għidt * iqammat il-jasar iebes tal-Mulej.

Għax Hu jxekkilni minn riġlejja * u l-hena tas-sensi ma jaħmel.

U ħarġu madwari jħufu l-erwieħ il-ħżiena * u dawn sefsfuli f'widnejja:

Itlaq 'l Alla tiegħek għax Hu medhi Bih innifsu * Hu le ma jisma' talbek għax ogħla mill-kwiekeb Għamartu.

Halqek dgħajjef u rmiek għal rajk * tista' dgħajsa bi qlugħ imżarrad tofroq il-baħar?

Le, le, iebes il-Mulej tagħkom mal-bniedem * għax Hu ma jħennx għall-krib ta' ruħ imjassra.

Għalxejn tingħi Int f'soddtok * l-għana ta' l-anġli tiegħu ma jħalluhx jisma' krib il-bniedem.

Għandek il-għatx tal-ħajja * qum, stgħallha, għix il-ħajja mis-sensi.

Jewwilla mhix fil-ħass ħajtek * u mhux il-pjaċir il-għaxqa tas-sensi?

Indafar mas-siġra tal-pjaċir * iħajrek il-frott tagħha, aqta' minnu sa tixba'.

Żid il-għaxqiet tas-sensi mill-ħwejjeġ maħluqa * u int iżżid il-jiem ta' ħajtek magħduda.

Għandek ma' ġismek minsuġa ħames sensi * agħtihom l-ikel li jridu, inkella, ibleh int, ja bniedem, mejjet ħaj.

Ma tarax, jobgħod Alla tiegħek is-sensi * għax jibża' li tikseb l-hena ta' dejjem bħalu.

Għid f'qalbek: "Tkun magħmula r-rieda tiegħi" u arak qawwi int Alla ieħor bħalu.

U l-frugħa lagħbitni, Mulej * ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, jien emmint il-qerq.

[1]Mitbugħ f'*Leħen il-Malti* ta' Ġunju 1937 f'paġna 51-53. Dan is-salm flimkien ma' *Il-Biki tal-Bniedem* kien mitbugħ fit-tielet ktieb ta' *Ward ta' Qari Malti* [1940] f'paġni 192-195. Dan is-salm kien mitbugħ ukoll fit-tieni u t-tielet edizzjoni ta' *Il-Muża Maltija* (1964-1970 f'paġni 167-169.

U tlaqt magħhom u għidt "X'irid ikun! * bniedem jien tad-demm u l-laħam, mhux ruħ! Ngħix il-ħajja tas-sensi".

U tbahradt u tgħaxxaqt u dawwart ġbini bil-klil * u ġismi dliktu bil-fwejjaħ. tal-lvant.

Sa tilfet il-qalb kull lġiem u tħassart * u bħall-bhima tax-xagħri, sirt, bħall-bagħal u ż-żiemel mingħajr fehem.

In-nisa sbieħ ta' Babel dilkuli xagħri bil-fwejjaħ * xofftejhom kienu jaħarqu bin-nar tad-dnub.

Kilt magħhom minn fuq mejda waħda * għax huma sbieħ in-nisa ta' Babel.

Sriep, sriep, in-nisa tal-ħajr, Mulej! * Xaħxħuni fin-nagħas tal-mewt u ruħi ssaħħnet fil-ħama u ma ħassetx il-għajb.

Tħammġet ruħi bit-tajn ta' taħt is-saqajn * u fis-sakra ftaħret li kienet liebsa l-ħarir;

Sa ma ħassejt id-daħk ta' l-inkejja jċarrat it-tanbur ta' widnejja * l-erwieħ il-ħżiena kienu madwari jgħajbuni.

Qaluli: Għandek ma' ġismek minsuġa ħames sensi * ħadnihomlok u ħallejniek għajjien mingħajrhom.

Bla ruħ u bla sensi, int tassew ġisem mejjet * Barabba inti, ja Bniedem, bla għaqal.

Agħti lilna r-ruħ tiegħek misħuta * u ġismek għajjien agħtih lit-trab.

U n-nisa tal-ħajr ma xaħxħunix iżjed bil-għana tagħhom * kruhithom beżżgħetni, uċuħ imbenġla rajthom, uċuh il-bhejjem.

Bl-għaraq tal-biża' fuqi * in-nar ta' l-għajb u l-ħtija qed itemmuni

Jewwilla bluhiti ma ssibx ħniena quddiemek? * Mill-ogħla għamartu l-Mulej jisma' l-krib tal-qalb niedma.

Aħfer lill-bniedem, Adam hu jien, Salamun u David * Abel il-Maqtul jien, Kajjin il-Qattiel.

Għax eqdem hu dnubi minn dik li reddgħetni ħalibha * f'demmha jien ħtejt u f'nisel missieri.

Għalkemm nisli għaraftu u toqlu ħassejtu jgħakkisni * mar-rfis ta' l-art il-kwiekeb tiegħek bdilthom u s-sema maqdartlek.

Kont jien il-miġnun li ċħadtek minn qalbi * kont jien li sammart l-għajb mal-bieb tal-Madalena.

Sa ma darba din għalqet il-bieb f'wiċċi u kitbet b'Demmek fuqu * Warrab, tmiġġisx fejn saffa l-Mulej.

'Ma minn seklu għal seklu jien bqajt infittex il-Midinba * nwaqqa' l-għajb f'laħamha u l-qilla tal-ħaqq f'ġenbejha.

Eluf ta' snin ilni niġġerra mingħajrek * issa, Mulej, għajejt, ħallini nieqaf f'belt Sijon.

Insa l-ġenn tiegħi, l-erwieħ il-ħżiena qarrqu bija * u jien, ja Sidi, qarraqt bija nnifsi.

Imma ma qarraqtx bik, Mulej * għax kollox Int taf u kollox tista'.

Hawn arani, rimi ta' dnubi, wara bieb il-Maqdes tiegħek * iftaħli, Mulej, ħallini nidħol,

Halli fi mnifsejja narġa nħoss riħet il-libien * u nisma' f'widnejja għanjiet il-Mulej.

U tqum mill-imwiet ir-ruħ tiegħi * u nxarrab l-irħama ta' Altarek biddmugħ ta' ndiema.

Ha, ħudu dan ġismi, Mulej, agħmel bih li trid * saffih, aħarqu fuq il-midbaħ tiegħek.

Jekk mhux bħal ibnek, żommni għall-inqas bħala wieħed mill-qaddejja * l-iċken fost l-iċken u l-agħar fost l-agħar.

Imma la tagħlaqx il-bieb tal-Maqdes tiegħek f'wiċċi * fil-maqdes tiegħek ħallini niknes il-qiegħa ta' l-art;

U naqfel il-qrieq tal-qaddejja tiegħek * u nishar lejl u nhar bil-frieghi taż-żebbuġ imbierek f'idi,

Għad-dell ta' Salib Ibnek, fuq il-Għolja tad-Demm bla ħtija * fejn Mara qasmet qalbha bin-niket,

Fejn mara, mbierka fost in-nisa, ħennet għal Barabba * u talbet li tingħata maħfra lill-qalb niedma.

## IL-BIKI TAL-BNIEDEM[1]

*Irascimini et nolite peccare * quae dicitis in cordibus vestris, in cubilibus vestris compungimini.* Salm 4, 5.

X'għamilt jien, ja Mulej! * minn għajnejn it-tfal int ċanfartni; minn l-għajnejn safja inti xlejtni.

Qalet Ruħ iċ-Ċkejknin * twieled Ġesù tarbija u fdiena f'demmu; ta' demmu ma jridx ħlief imħabba

Għax fl-Imħabba s-safa tar-ruħ * fiċ-ċokon ta' l-Ispirtu l-Kobor tal-Fidwa.

Imma x'imħabba tajtek jien, Mulej? * jien li bnejt il-ħolm tiegħi bit-tafal ta' l-art.

[1] Dan is-salm kien mitbugħ għall-ewwel darba f'*Leħen il-Malti* ta' Diċembru 1937, u reġa' ntebagħ fl-1940 fil-*Ward ta' Qari Malti*, III ktieb, paġni 461-466.

Jien li għidt: inwaqqaf torri għoli * u nixxabbat sas-sema mingħajr Alla.
U nitla' sa fejn l-anġli tiegħu wil-kerubini * u ngħid "Ara, rebaħ il-Bniedem mingħajru!
Għax qawwi l-Bniedem, u aqwa meta ħieles * neħħejt minn kitfejja madmad il-Mulej.
X'ċokon ta' spirtu qegħidt fuq midbħek * u x'safa xettilt fi ġnienek, Ġesù?
Ma għidtx jien jewwilla lil sħabi * nfittex il-pjaċir, is-salib ta' l-Imgħallem iweġġa' l-għadam?
Issa s-sensi qamu xewwiexa għalija * qamu l-Qaddejja ta' l-għadab tiegħek.
Isma': iċ-ċanfir tagħhom tiela' minn ġo fija * bħal ragħad tiela' li jhedded taqlib l-irjieħ;
"Il-għala begħidtna minn Alla? * ħriġtna minn triqtu u niżżilt fuqna s-saħta?
U f'ġismek mħarbat ma sibniex mistrieħ iżjed * inqumu għalik aħna, u nħarbtu s-sliem ta' ruħek!
Aħna l-qaddejja tal-Mulej * fl-imħabba aħna l-ħbieb tiegħu u fil-għadab;
Għax bħal Kaċċatur Alla jiġri wara l-bniedem * bl-imħabba fil-ħniena, bil-għadab fil-qilla.
Ħażin għalik int li dawwart wiċċek minnu * għax fil-għadab tiegħu Hu jaħraqlek għadmek,
Sa ma int tqum għalik innifsek * u fl-indiema tintafa' f'Dirgħajh.
Indem u la tidnebx * f'soddtok ħammem fuq dnubek u xarrab imħaddtek bid-dmugħ.
Jekk qalbek twebbes, u tiċħad is-sliem lilna * bħalma għamlu l-klieb lil Aħab nagħmlu lilek.
Inħebbu għalik u nnifdu sniennä f'laħmek * l-għadam ukoll intaqqbulek b'nejbietna."
Hekk qaluli, Mulej, is-sensi tiegħi * għax dinbu miegħi, u naqashom ir-riżq.
Harisni, Mulej, mill-qaddejja ta' l-Għadab tiegħek * għax qalbi qed tgħajjat ġo sidri.
Bid-dwejjaq qed tgħajjat * bir-rogħda wil-weġgħa, ja Sidi.
Jekk ma tismagħnix, Mulej, ningħalaq fid-dwejjaq tiegħi * tingħalaq ruħi f'qoxritha bħal bebbuxu.
U bid-dmugħ iġelben minn għajnejja * ninfena fid-dwejjaq tiegħi;
U ngħajjat b'ħabib il-lejl u ngħidlu * Ejja, int il-mistenni, għax inti tnessi.
Ifrex id-dlam fuq l-art minn l-erbat irjieħ * u minn uċuh it-trabi safja tħallix l-anġli t'Alla jgħassuni.
Għax, ara, mneżża' jien fi dnubi * u nistħi fil-għera tiegħi.
U la ġġibx il-kwiekeb igħassu miegħi * għax dawk ukoll qaddejja t'Alla.
U fil-bjuda tagħhom iħedduni * huma x-xhieda Tiegħu fil-beraħ.

Xehdet Jahwe l-qalil * xehdet Jahwe ta' Lwieħ il-liġi.
Imma l-anqas il-lejl ma jserraħ il-qalb imdejqa * il-lejl hu d-Dib ta' Alla,
Kelb qaddej ta' Jahwe l-qalil * li jħobb lil sidu u jħebb għall-egħdewwa tiegħu.
'Ma x'għamilt jien, Mulej? * il-għaliex ruħi mħabbta?
Jewwilla ma nsibx ħniena f'għajnejk? * jewwilla dawwart wiċċek minni, Mulej?
U x'għamiltli int, ja Żmien! * għax ħtaftli t-tfulija meta kont eqreb lejk
U f'ħoġrok kont nilgħab * u nixxiegħel bla dnewwa fejn riġlejk?
Il-għaliex bħas-serp ħajjen dħaltli taħt siġret l-Għerf * u għidtli: Aqta' u kul!
Kul mis-siġra u ssir daqsu * X'jedd għandu Hu jimnagħlek il-Għerf?
U waqqajtni u ġibtni f'dal-ħal * miċħud miegħi nnifsi, wiċċi ma baqax fih demm.
Ma għadnix nisma' tferfir ġwienaħ l-anġli f'widnejja * u l-anqas niġġerra wara dellhom.
Qalli ż-Żmien, għax ħajjen is-serp li jwaqqa' * Bniedem int, temminx ħrejjef Jahwe!
Kif tniġġist, Mulej, kif sirt mingħajrek! * Reġġagħni, reġġagħni għaż-żmien ta' dari.
Tħallinix, Mulej, niġġerra iżjed bla raj * wara bieb maqdsek ngħanni l-Miserere,
U l-ħniena u l-imsiemer tal-Fidwa * u l-ħall u l-bews tal-Madalena,
U d-dlik tal-fwieħa u l-qabar ġdid * il-liżar ta' l-għażel u l-ġrieħi imdemma,
U r-riġlejn imtaqqba u l-għadam sħiħ * u l-għaraq tad-demm,
U l-ġarab imfejjaq b'qawwiet Emminek * il-Fidwa tiegħi u tad-Dinja.
U nrattab qlub il-Midinbin * Ħuti, ngħidilhom, ibdlu ħajjitkom.
Hammarna idejna bid-Demm bla ħtija * aħna, aħna, qtilnieh;
Harsu lejn idejkom u tregħdu * ħomor idejkom bħal tiegħi.
Ja ħuti, nistqarru ħtijietna * aħna l-Qattiela ta' Bin il-Bniedem.
Isimgħu midinba bħali * Elohim hu Elohenu, Jahwe Ex-Xaddaj hu tal-biża' f'qilltu
U f'għadbu jarmi x-xrar tan-nar * minn sinet Sinaj jinżel għalina.
X'għamilt jien, Mulej, kemm regħixtek! * bdilt sehmi f'saltnatek ma' għalf il-ħnieżer.
Agħar minn Eżaw, ja Mulej * ma' għalf il-ħnieżer bdiltu!
Din, Adonaj, hi l-għanja tar-Ruħ midinba * Il-ġisem hu l-bhima li tħebb għal sidha.
Bla fehem u bla għaqal * kemm hi ta' rasha dil-bhima!
Miskina r-ruħ li trid tittajjar sa fejnek * hi s-sultana mjassra.

Hi s-susan abjad mgħaffeġ minn riġlejn il-bhima * b'demmha nfisha tteb-
bgħet il-bjuda tagħha.

Issa kif dbielet ir-Ruħ imweġġgħa * Ruħi sfat l-ilsira tal-Bhima.

Ifdiha, Mulej; bid-debbus ta' għadbek sawwat il-bhima * Keċċih minn fuq l-art imqaddsa, Sultan-il-Ċilla!

Għax fl-ewwel twelidha Ruħi hi Ruħtek * xrara minn qalbek.

Aħfirli, Mulej, jien nistqarr ħtijieti * quddiemek ix-xejn tiegħi nistqarr.

Nistqarr, Mulej, jien il-ħati * jien il-Bhima, jien li jassart ir-Ruħ;

Bir-rieda ħielsa f'idejja * jien Mulej soqt id-dgħajsa għal ġol-belliegħa.

Jien li begħidt ir-Ruħ minnek * Nifs minn nifsek, Xrara minn xrartek.

Jien li għamiltha qaddejja tal-Bhima * Ċerċura ta' sid bla għaqal.

Jien li raqqadtha fuq soddot id-dnub * għabbejtha bil-qofol tal-ħtija.

Jien li tellifttha s-safa tax-xbubija * u ġagħaltha tibki mbellha wara biebek.

Miskina r-ruħ fiex ġiet * x'ikun minnha jekk int ma taħfer!

Fejjaq il-ġarab tar-Ruħ imniġġsa * Int Alla tal-Ħaj imma Alla wkoll tal-Mejjet.

Jewwilla mhux mix-xejn ħriġt il-ħajja * u mit-tajn kiesaħ id-demm sħun tal-bniedem?

Mhux mid-demel tkabbar l-egħlejjel kotrana? * u mhux mit-taħrir taż-żrieragħ toħroġ l-inwar?

Iva, Mulej, int taħfer * mhux seba' darbiet imma sebgħa għal seba' darbiet.

Sebgħa għal seba' darbiet taħfer int, Ġesù * għax Int Bin il-Bniedem

U ħniena ħassejt * u demmek xerridt għal Bniedem!

(Din kif dehret fil-*Leħen il-Malti* ta' Diċembru, 1937. Fil-*Ward ta' Qari Malti*, pġ. 465, l-aħħar vrus jinqara:

"U ħniena ħassejt sa fit-tmasħir tal-Bniedem * u Demmek xerridt għalina!"

u magħhom jiżdiedu żewġt ivrus oħra:

"O Alla, Alla la tingħalaqx Fik innifsek qalil * ħalli Qalbek tinfetaħ bħal ġerħiet il-Ħniena;

U tiġbor ġo fiha mill-għera ta' l-Art: * it-twerwir, id-diqa, il-Biki kollu tal-Bniedem.

Amen!"

# GHADAB IL-MULEJ[1]

*Foris vastabit eos gladius, et intus pavor*
*juvenem simul ac virginem, lactentem cum*
*homine sene* (Deut. 32, 25)

Halluni, għax telqitni t-tama * u qillet il-Mulej infexxet ma' għadmi
U dallmitli għajnejja bi ħlewwiet il-qalb * u r-rogħda baqgħetli fil-ġirja tad-demm.
Ridt nitbiegħed minn Mulejja! Alla l-ħallieq, tal-biża' fl-imħabba * iwerwer fil-għadab tal-ħadid wid-demm.
Bħad-dell ġera miegħi, u mal-mixja tiegħi mixjitu * u għaġġilt u għakrikt sa ma riġlejja għejew.
Mulej, Mulej, ħallini nistrieħ ftit Minnek * l-Imħabba tiegħek qatlitni għax triegħxet ir-Ruħ.
Ir-Ruħ ittebbgħet u bħal ħama fuq il-bjuda dnubieti * bħal żegħil id-demel fuq il-ħdura ta' April.
Min jiflaħ, Mulej, jirgħex quddiemek! * Għajnejja niżżilthom imdehxa sa l-art biex naħarbek.
Wil-ħemda waħxija tal-lejl lil ġenbejja ħarqet * kemm tqallibt f'soddti mingħajr mistrieħ!
U giddimt imħaddti fil-għadab ta' dnubi * dak dnubi li jkiddni bil-jasar tal-qerq;
Dak dnubi li xeħet katina sa taħt għarqbejja * u benġel il-laħam imħerri fil-hemm.
Arani, sirt qisni tibna mderrija ġo l-arja * taqa' fejn ir-riħ jonfoħha fil-ħama ta' l-art.
Mulej, jien il-Bniedem bin il-ġuf ta' Mara mwielda fid-Dnub * ħebbejt għalik bil-ponn u bid-dwiefer bħal tigra tal-masġar.
Għawwejt u nbaħt bħal bhima mitlufa fil-lehba tal-ġuħ * u leħni maħnuq sammajt lid-dinja.
Il-lupu jien, Bniedem ħajjen * O! kemm aqwa l-Ħaruf bla tebgħa fil-ġeżża!
Tawwali fil-medda, u nadif daqs il-ħasla tas-silġ * fuq l-Etna mgerbeb mir-rjieħ imnaddfa.
Araħ il-Ħaruf b'dik ħarstu li tolqot il-qalb * il-Lupu jinkiser quddiemu u

[1]Inkiteb fil-25 ta' Novembru 1940 u kien mitbugħ għall-ewwel darba fl-Leħen il-Malti ta' Mejju-Diċembru 1940. Kien mitbugħ fit-tieni u t-tielet edizzjoni ta' *Il-Muża Maltija* f'pagni 162-166 — Salm ta' żmien it-tieni gwerra l-Kbira.

jsikket il-għawi tad-dagħa.

Int il-Haruf, Mulej, il-Haruf tal-ġeżża bajda * imma int ukoll Jahwe ta' Sinaj, Jahwe ta' l-Lwieħ * Leħnek igħajjat iwerwer lill-Art u lill-Baħar u jitqallbu l-imsaren maqtugħa.

L-infern jilbet quddiemek bħal nagħġa * wil-blat jitheżżeż ġo ħxejh bħal werqa.

Wil-Midneb jiblieh imwerwer bil-biża' * jaqta' l-ftaħir ta' lsien lablabi mingħajr ilġiem.

Għax min hu daqsek Mulej! Akbar qilltek mill-ħalel tal-baħar għarrieqi * u itwal Driegħek mill-għoli tas-sħab.

Jaħqar tassew is-sawt tiegħek, Mulej * mill-ġilda mbenġla żennen id-demm u nqasmet il-qalb muġugħa.

Fuq il-Kalvarju tal-Hajja sallabtna, kif aħna sallabniek * u tħallat dmugħ għajnejna ma' rieq ħalqna bit-togħma tal-melħ.

Taħt daqqiet is-sawt tiegħek il-Ġisem ittertaq u l-għadam imherri in-għażel * u sfajna bħal erwieħ mitluqa mwaħħxa mill-ħajja;

Bħal erwieħ li jibżgħu jgħixu * u jgħajtu b'ħalq imċarrat biex il-qabar jiblagħhom;

Halli għajn ma tara w ġisem ma jħoss * għax xewwex Dnubna lil Alla qalil.

Il-biża' żammilna san-nifs, u fuqna ntafa' bħal blata * infetħu bibien is-sema u l-art għalina;

U ħarġet minnhom il-Mewt u bil-kus iħammar f'idha * ftaħret li nbidha hu demm il-bnedmin;

Demm ix-xjuħ b'riġlejhom imriegħda * win-nisa b'sidirhom mimli ħalib,

Wit-trabi fil-ħoġor ta' l-ommijiet imdejqa * wix-xbejbiet wiż-żgħażagħ f'tagħniqet l-imħabba.

Sfajna lkoll romol u ltiema, bla sabar fil-hemm * ħallina ngiddmu t-trab ta' l-art mimsuħ bis-saqajn.

Għax għajb akbar minn dnubietna m'hemmx * la Alla neħħa idejh minn fuqna w minn fuq uliedna.

Il-Mewt kull jum qed torqod magħna f'sodditna * ġenbejha kesħin bħal ġisem bla ruħ.

U iebes sidirha u wieqaf imniħirha * jinten demmha mħassar il-Mara tad-Dnub.

Dwejjaq bħal dawn, ja ħuti, fejn rajna! * Min jiflaħ il-ħajja jekk Alla ħalliena?

Fuq l-ogħla ta' l-iġbla fejn l-isqra mġewħa jingħalfu * is-salib ta' wġigħ qalbna mtella';



ROYAL UNIVERSITY OF MALTA

U jgħix minn ġisimna l-ġuħ kollu ta' l-arja * l-agħsafar tal-ħatfa għamlu toqba f'żaqqitna;
U noqbu 'l riġlejna u ħaffru l-bejtiet ġewwa rasna * sima bħal imwiet maqlugħa mill-oqbra biż-żmien.
Għax lanqas it-trab ta' l-oqbra ma raqad bi sliemu * bħal sħaba tajn refgħu dnubna mill-qiegħa ta' l-art.
U l-għadam infirex mal-frieghi tas-siġar imdallma * Ah! x'għajb, u saħta u x'hemm!
Ġewwa qalbna ma baqax hena * infern saret qalbna w nirien ħsibijietna.
Bniedem lil bniedem jobgħod b'mibegħda ta' snien mikxufa * regħba w għatx ta' demm ġibuna f'da l-hemm.
U f'dar xulxin dħalna b'sikkina w ġarrafna ħitanha * ir-ruħ ta' ġo fina ħadhielna x-xitan.
Ma għadniex iżjed xebh Alla, ja ħuti bħali mbikkija * Demonji sima mħebba għall-Mulej.
In-nisa tagħna ġufhom ħormana biegħu lid-Dnub * u issa d-Dnub biegħ lilhom lix-Xitan.
U xofftejn l-irġiel lanqas b'ġamra ta' ħruq ma jitnaddfu mill-għajb * għax bħal imħabbet Onan safa' t-tagħniq tagħhom żieni.
Ejjew għalhekk nintasbu fl-art imbikkija * u nnewħu u nqattgħu xagħarna fil-għawi u l-lfiq.
Ma baqa' xejn x'iħajjarna ma' dwarna * l-egħjun tal-Hajja nixfu bis-saħta tal-ħaqq;
Wix-xemx bi nhar wil-qamar bil-lejl idejquna * il-mara tagħna wildet fl-egħrien mudlama.
U qabel xhuru battal il-ġuf imheżżeż il-ħajja mdemma, maqtula ħdejn riġlejha * in-nisa wir-rġiel inewħu l-għar ta' dnubiethom.
Qattgħu xuxitkom, ja nisa tad-dinja, u ġufkom agħalqu * għax laħaq id-dinja l-Mulej.
Dbielu bis-sfura tal-biża' x-xufftejn miżbugħa * tgħarwen il-ġisem mittlellix giddieb.
Fejnhom l-ommijiet daħkana bix-xuxa mifruxa fuq spallthom? * u l-misserijiet reġgħin lejn djarhom mal-lejl?
Fejnhom ix-xbejbiet imżejna bil-libsa tal-għażel * jistennew il-maħbub fuq l-għatba tad-dar?
Ġuf ommna ma jaqbeżx iżjed bil-għanja taż-żwieġ * it-twelid sar ħaraġ tal-mard.
L-għanja tat-tieġ iżjed le ngħannu * jisktu l-ħaddara u jnewħu d-daqqaqa.

Jewwilla ma saretx il-Hajja ġilwa ta' funeral * katavru laħamha għal ħofret it-trab?

Żmien il-għaks ġie fuqna, żmien il-ħarb * kollox qed jinqered minn bliet il-Bniedem.

Dak li Alla għinna nibnu mal-medda tas-snin aħna qed inħottuh * il-mibegħda bidlitna fin-nisel tal-ħell.

Għalhekk, ja ħbieb, li tiregħxu b'dil-ħerba * quddiem Mulejna nitfgħu r-rmied fuq rasna;

U ġenbejna nħażżmu bil-ħbula tal-għadab * u rjus tax-xewk nifirxu fuq soddot it-tieġ.

Ir-raġel jissawwem mill-mara wil-mara minn żewġha * wit-tarbija sider ommha ma tmissx;

U lis-Sema ngħajtu sa ma jismagħna nolfqu b'qalb niedma * għax bir-regħba għamilna ġisimna qattiel.

Għax ġisimna għamaret l-Inġiesa, demmielet iż-żina * il-qabar tas-safa wil-ħaqq.

U jkun biki mill-qalb l-għana tagħna !* Mhux ir-raba' mtaqqal bl-uċuh u s-sħajba saqqajja ngħannu;

U lanqas l-inbid u l-għasel tan-naħal u ħobż ta' għaġnet il-qamħ * u lanqas żewq il-ward fil-kotra ta' April;

Lanqas l-egħlejjel imbaħħra w mqaddsa * l-għalla tal-baqar wiż-żegħda tal-għalf;

Imma s-sawm ta' dnubietna ngħannu lil Alla tas-sema * lill-Qawwi li jsawwat għall-ġid.

Mulej, eħlisna mill-mewt, mill-għadab ta' qilltek eħlisna * riġlejna ngaz-zati, sider martna mifluġ,

U ġufħa mqalleb bil-biża' wil-qtiegħi * fi mnifsejna nxommu ntiena bla tarf;

U riħa ta' qabar u dnewwa * taħsir ta' għadam maħlul;

U nervi maqtugħa mill-għaqda tas-sinsla * imġeżwra ġol-ħsara tal-mard.

Għax kull jum u kull lejla mħadditna nxierku mal-mewt * u ħitan djama jħedduna u mbeżżgħa sa l-art.

Int, ja Mulej, tagħtix widen għat-tgergir tagħna! * M'aħniex jewwilla wliedek u boloh bħal tfal ċkejknin!

Isawwat il-Missier it-tfal ċkejknin għal ġidhom u għaqalhom * imbagħad jifraħ u jżiegħel bl-ulied li hu jħobb;

U jimsaħ bil-moħbi d-demgħa minn għajnu * għax tħoss il-qalb tal-Missier li jsawwat ħanin.

Adonaj, Adonaj it-tgergir aħfer ta' qalb imbellha bl-uġigħ * jien nemmen, Missier, li l-ħniena hi akbar mis-sawt.

Nemmen li s-Salib li għamel elfejn sena ilu l-Bniedem għalik * għadu jżommok imdendel għalina fl-imħabba.

Dnubietna l-imsiemer wil-lanża * wil-ħall wit-tmasħir li nixxfu 'l xuf-ftejk.

Ja Qalb li qtajt jiesek, ittama * Alla jsawwat u jaħfer lill-Midneb.

Qegħdin tisimgħu, ħuti midinbin, magħluqa f'qoxritkom bil-għali? * l-Indiema hi Għid il-Maħfra.

Il-Qilla ta' Alla tilħaq mis-sema sa l-art u mill-art sa l-infern * imma aktar 'il bogħod tilħaq imħabbtu.

L-indiema li taħsel u taħfer u tnaddaf bħall-ilma tal-bjar * hi l-magħ-mudija tad-dmugħ wis-sogħba.

Ja nies għorrief li tgħarrxu lill-kwiekeb, li trażżnu l-ħolqien * w intom nies kbar ta' kull setgħa,

Bankieri, professuri, avukati, tobba * intom ilkoll li ntgħażiltu mill-kotra bil-ħila tal-moħħ,

Intom li ġġorru f'ħorġitkom id-dejn tad-dnubiet * iċ-ċaħda ta' Alla jew tal-ħniena lill-fqir,

Kunu afu li mhux il-kburija li tħannen lill-Akbar fost il-kbar * għax Kobru bla tarf,

Imma l-ħlewwa ta' l-Umli, is-safa tal-qalb * il-qawwa li għalqet 'l Alla fil-laħam ta' mara,

Priġunier ta' l-imħabba, imgħobbi bil-kruha tal-Mewt * għall-Fidwa tad-dinja fil-hemm.

Għalhekk niltaqgħu lkoll flimkien * taħt sema beraħ fejn Alla jarana bla għilt;

U t-talba ngħidu ta' l-ibdiewa u ta' l-erwieħ ċkejknin * tan-nisa mistura fil-knejjes.

U jimliena l-għerf qaddis b'qawwiet Ruħ il-Qodos * għax idawwal Dan ġo fina l-moħħ mitluf.

U tiġi fostna saltnatu * u jkun dak li jrid Hu fis-sema u fl-art,

U Kristu bin Alla, bin Mara li tnikktet fid-Dalma tal-Ħaqq * imexxina fit-triq li tlifna bil-qerq;

U fuqna mis-sema l-barka tal-ħniena jixħet * u tiskot l-art imwerwra bis-saħna tad-demm.

Wis-sema jitnaddaf mill-għadab tal-Qilla bħal sħaba tal-beraq mir-riħ * l-għerf imniġġes jitqaddes bis-sliem.

Il-ħaruf wil-lupu jilagħqu 'l xulxin * Kristu Sidna agħtina l-Paċi mixtieqa!
Bil-friegħi tal-palm wiż-żebbuġ nitolbuhielek il-Paċi, wil-fwieħa tal-bħur * il-Paċi ta' Alla fis-saltna ta' l-Iben bin-Mara.

*Pater Noster qui es in coelis, sanctificetur Nomen tuum! Salvum fac populum tuum. Domine, Miserere Nobis.*

## GLORIA IN EXCELSIS DEO, SALM TAL-MILIED[1]

Ilħna mriegħda bil-ferħ bħal ta' qtajja' għasafar iduru dawra mejt mad-dinja, * iħabbru għalenija d-Dawl ta' għodwa ġdida.
Għax sebaħ jum ġdid u d-dlamijiet tal-lejl tqattgħu biċċa biċċa. * Ja erwieħ beżgħana, qawwu qalbkom; Alla semagħkom u ħenn għalikom.
Ilħna ta' ragħajja xandara ta' l-akbar Aħbar li qatt semgħet id-dinja, * triqet il-Kewba uruna ħalli niġu magħkom.
U f'ħoġor Alla Tarbija nressqu aħna wkoll l-għatjiet tagħna; * l-għatjiet tagħna nagħtuh b'qalb imfawra bil-hena.
L-hena ta' l-Aħbar li tawkom l-Anġli fil-lejla tad-dawl: * l-Aħbar ta' Twelid il-Messija, l-Imxandar u l-Imħabbar mill-Profeti.
Hellu 'l Alla, hellu 'l Alla, intom ilkoll li stennejtuh, għax Alla sama' talbna. * Dirgħajh farrku ħitan il-ħabs li x-Xitan għalaq lil ruħna fih.
Ifirħu, ja ġnus imjassra, għax waslet l-Aħbar tal-Fidwa! * Min jista' għal Alla li huwa s-Setgħa bla tarf miġbura fit-Tarbija ta' Betlem?
Min huwa l-għadu li jista' jeħodha m'Alla u jirbħu? * Min huwa l-iblah li jtella' borġ ġebel fuq ieħor biex jilħaq is-sema u jaħkem 'l Alla f' Saltnatu?
Ja Ġesù ta' Ġerusalemm, ħallina ninżlu quddiemek mgħobbijin bit-toqol ta' dnubietna misħuqin taħt riġlejna * u lkoll flimkien nistqarru
Lilek, it-Tieni Persuna, Alla Bin Alla, daqs Missierek, u daqs Nifs l-Imħabba maħruġa minnkom it-Tnejn, Ruħ il-Qodos, it-Tlieta Wieħed, minn dejjem flimkien, * Wieħed mhux qabel l-Ieħor, u t-Tlieta Wieħed u l-Wieħed Tlieta;
U t-Tlieta f'Wieħed il-lum ukoll, nhar il-Milied tal-Kelma magħmula Laħam, * u l-Wieħed it-Tieni Persuna magħżula għall-Fidwa tal-Bniedem.

[1] Dan is-salm deher mitbugħ għall-ewwel darba fl-24 ta' Diċembru 1958 fil-*Leħen is-Sewwa* (Numru speċjali). Kien miktub fis-17 ta' Diċembru 1958 u deher ukoll fil-ktieb ta' K. Vassallo *Vatum Consortium* jew *Il-Poeżija Bil-Malti* (1968) f'paġni 8-11.

Misterju miġbur fil-ħabi ta' ġuf tfajla safja mil-Lhudija, * magħżula mis-Sema biex tkun l-ewwel tabernaklu ta' Ġesù.

Nistqarruk Sultan tas-slaten, tronok ogħla mill-muntanji u s-sħab, * maqgħadek fostna t-tiben tal-maxtura, għax saltnatek 'l hinn mill-qabar.

Nistqarruk Sultan tal-Għonja u tal-Fqar, Laħam Bin il-Laħam, Spirtu Bin Spirtu, Alla Bin Alla, * Feddej tagħna l-bnedmin.

Bħal qtajja' ta' għasafar imġenna bil-ferħ ta' Rebbiegħa ġdida jinstama' darb'oħra l-għana tar-rgħajja jitħallat ma' l-għana ta' l-Anġli, * Anġli u ragħajja ħabbara tal-Fidwa tal-bniedem.

Mulej, ja Mulej, ma kenitx tistħoqqilna din l-imħabba, * għax aħna regħexna Ismek quddiem ix-xitan u żnejna ma' l-għuda u l-ġebel u t-trab ta' l-art.

Għamilna allat tagħna l-pjaċir tad-dinja * għaliex begħna ruħna u ġisimna lill-għadu tiegħek.

Ma kenitx tistħoqqilna din l-imħabba għaliex dama dar iż-żina; * fiha nħammu kif nisirqu l-mara ta' ġarna u kif nagħmlulu l-ħsara f'ġismu u f'ruħu.

Bħal Tofet u Wied Bin Hinnom id-dinja tagħna sar jistħoqqilha tkun magħrufa bħala "Wied il-Qatla", * għax ħtejna u żnejna ma' xulxin u kontra xulxin.

Ma tistħoqqilniex l-imħabba li toqtol lilha nfisha biex tirxoxta l-ewwel imħabba maqtula, * l-imħabba li tħabbeb 'l Alla mal-bniedem u 'l bniedem ma' Alla.

Ara, Ġesù ta' Nazaret, x'għandna merfugħ għalik: * ara ħruxitna kemm hi kbira. Dan għandna merfugħ għalik.

(Ja Mara mqaddsa, sodd widnejk biex le tisma' u wiċċek warrab biex le taqsam qalbek, sebat isjuf hemm merfugħa għalik ukoll: * sebat isjuf misnuna bil-mibegħda u l-ħjiena tal-bniedem, il-bniedem agħrax li joqtol l-ulied u l-ommijiet bla ħtija – Marija, itlob għalina!)

Għalik, Ġesù Tarbija, għandna merfugħ zokk ta' siġra, * li minnha għad nagħmlu salib biex intellgħuk fuqu fost żewġ ħallelin midgħajja.

Għalik għandna nbid qares, ħalli jkemmex is-saqaf tal-ħalq; * b'dak il-ħall, meta jieħdok l-għatx, naħarqulek xufftejk.

Għalik għandna merfugħin imsiemer u mrietel: * bihom insammru u ntaqqbulek riġlejk u Ġismek mitkagħweġ bl-uġigħ.

Għalik ħluq faħxin għandhom merfugħ bżieq; * bħal semm il-lifgħa dal-bżieq jixħtuh fuq wiċċek ħalli jwaqqgħuk għaċ-ċajt, Sultan tal-Lhud.

U kif ġara wara l-ewwel Milied, għadu u jibqa' jiġri wara l-Milied ta' kull sena, * għax tabilħaqq, Mulejja, aħna wlied id-dlam.

Nieklu u nixorbu fid-dlam, nidħku u nibku fid-dlam; * ġisimna mhux iżjed l-għamara ta' Ruħ il-Qodos, imma għamara tax-xitan.

X'għandna għalik, * Ġesù ta' Nazaret, din is-sena?

Bħal wara kull Milied li għadda, * għandna għalik il-mibegħda ta' nies li ma jagħ'rfukx bħala Habibhom u Sidhom.

Fid-dlamijiet tad-djar tagħna aħna nħammu kif nisirqu u noqtlu lil xulxin; * kull ġens ma jaħmilx ieħor, u l-moħħ li tajtna għal ġidna għamilnieh għodda ta' qirda.

B'moħħna ħloqna għodod ta' qirda li f'jum wieħed (hekk jiftaħru wlied id-dlam!) * jeqirdu l-ħolqien, nies invażati, ulied in-nar.

Għodda li taħraq il-ġuf ta' kull mara, tħassar id-demm ta' kull raġel, * tnixxef iż-żerriegħa ta' l-art u tisħet dak kollu li inti berikt.

Mulej, Mulej, l-Imħabba Tiegħek biss trid tkun biex taħfer din il-ħruxija u qilla kollha. * "L-Imħabba bla tarf" tista' taħfer din il-mibegħda ta' miljuni għalik.

Din l-Imħabba li l-lum tixref bħal kewkba minn wara sħaba sewda fuq ix-xufftejn ta' Tarbija, * Tarbija mriegħda bil-bard f'maxtura kiesħa.

Isaw, ja ħuti, issa huwa l-waqt * li nitolbu maħfra ta' dnubietna u dnubiet id-dinja;

Inżgħu, ja ħuti, l-imnatar minn fuqkom; * ifirxuhom fuq it-Tarbija mriegħda bil-kesħa.

Saħħnuha bl-imħabba ta' nifiskom sħun. * La tkunux agħar mill-bhejjem li jagħ'rfu lil Sidhom.

Issa li l-Haqq t'Alla ħa sura ta' Tarbija mirżuħa bil-bard, * ninżlu lkoll għarkobbtejna nitolbuh maħfra.

U int, ja Omm, Miriam, ix-Xebba mhix mimsusa, l-Ewwel Tabernaklu ta' Bin Alla, * int mara liema qatt bħalek fl-imgħoddi u f'li ġej, idħol għalina.

Inżel magħna għarkobbtejk quddiem Ibnek, Huna u Sidna, Ġesù Kristu, il-Kelma magħmula laħam. * Rossu ma' qalbek għalina u għidlu jitbissmilna, kif tarbija titbissem lil ommha, lil ħutha.

Jitbissmilna b'xufftejh u b'għajnejh, u bil-wejda ta' Tarbija ħelwa jbierek lid-dinja, * id-dinja misħuta mid-dnub ta' nisel il-ġens.

Nitolbuh ikeċċi minn fost il-ġnus id-demonju, sultan li bena l-palazzi tiegħu fl-akbar bliet tad-dinja, * bliet ħalja u żienja, fejn qatt ma jissemma l-Isem għażiż Tiegħu.

Bħal qtajja' ta' għasafar imġenna bil-ferħ ta' Rebbiegħa Ġdida jinstemgħu l-ilħna ta' l-Anġli u tar-ragħajja. * Isimgħuhom, ja ħuti, u ifirħu!

"Twieled bin Alla għall-Fidwa tal-Bniedem, ilsir tax-Xitan. Fuq spallejh il-Feddej tistrieħ il-Fidwa ta' Żerriegħet Adam u Eva; * f'Demmu tinħasel iż-żerriegħa misħuta u titnaddaf."

"Alla hu magħna: Emanuel! Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet * u fid-dinja Paċi lin-nies ta' rieda tajba!"

Ja ilħna farraġa, agħtu lil ruħna l-ġwienaħ tal-Kerubini * biex jitilgħu fejn it-tron t'Alla u jiżżuh ħajr.
Araw li biżżejjed nilwu rkobbtejna u ninxteħtu fl-art * u bid-dmugħ f'għajnejna ngħidulu jaħfrilna.
Għinna, Miriam ta' Joseph, għarusek it-twajjeb, int Omm Alla, imm'int Ommna wkoll. * Imħabbtek għalina, ulied id-dmugħ, qatt ma naqset.
Omm Ġesù int, imma wkoll Ommna: fl-imħabba tiegħek fittixtna ġo Fatima, * fittixtna ġo Lourdes, u ħeġġiġtna għat-talb.
Idħol għalina, Sultana ta' l-Imħabba bla qies, * Omm li taf tagħder, Omm l-aktar Ħanina.
Erfa' lil Ibnek mill-maxtura, bħalma l-Qassisin Tiegħu jerfgħuh ta' kuljum fl-Ostja. * Dawwarlu wiċċu lejn id-dinja mbikkija u itolbu ħniena:
Ħniena għar-romol, ħniena għall-iltiema, ħniena għall-Knisja Tiegħu, ħniena għar-reliġjużi mħarrba, mixħuta fil-ħabs, * u ħniena wkoll għad-dgħajfa.
Ħniena għall-erba' kontinenti – għall-Ewropa, għall-Asja, għall-Afrika, * ħniena għall-Amerika.
Ħniena, l-akbar ħniena, għall-ħakkiema tar-Russja bla Alla, * ħakkiema midgħajja ta' l-Isem Imqaddes.
Ħniena għall-miljuni ta' ħaddiema Russi u oħrajn li baqgħu marbuta m'Ibnek. * Idħol għalihom, ja Ommna tal-ħelsien.
Ommna ta' Lourdes, li int ukoll Ommna ta' Pinu, itolbu ħniena għall-Gżira tal-Maltin, * tħallix ix-xitan iħarbat u jħott dak li bena San Pawl.
Għax nemmnu fil-qawwa ta' Mħabbtek, għalenija ngħajtu: "Amen! Amen!"
Bħal qtajja' ta' għasafar imġenna bil-ferħ ta' Rebbiegħa Ġdida, * jinstemgħu l-ilħna ta' l-Anġ;i u tar-ragħajja jkantaw flimkien:
"GLORJA 'L ALLA FIL-GĦOLI TAS-SMEWWIET U FID-DINJA PAĊI LIN-NIES TA' RIEDA TAJBA!"

## SALM TAL-PASSJONI TA' SIDNA ĠESU KRISTU[1]

Il-lum Jum il-Ħtija tagħna lkoll. Jum il-Għajb u Jum id-Demm. * Araw għandkomx ħila tagħarfuh lil Bin il-Bniedem!
Tagħarfuh lil Ġesù ta' Nazaret li fejjaq mard u ġdiem? * Tagħarfuh lill-Imgħallem, li mxejtu miegħu t-triq kollha minn Nazaret sa Kafarnahum?
Għaliex warrabt wiċċek meta staqsejt għaraftux l-Imgħallem? * Isma' għal

[1] Deher għall-ewwel darba f'*Leħen Is-Sewwa* tat-28 ta' Marzu, 1959.

tliet darbiet fuq xulxin jidden is-serduq;
U fuq ħaddejk iroxx id-dmugħ jaħraq bil-mistħija taċ-ċaħda * Sidrek tiela' u nieżel bi qtigħ in-nifs;
Imbierek id-dmugħ tiegħek, o int li ċħadt lill-Imgħallem u mbagħad għaraftu * Int għallinqas indimt u stqarrejt dnubek quddiemu;
Ċħadtu f'Ġerusalem għax stħajt mill-egħdewwa, jonkella bżajt minnhom? * Kif beżżgħetek dik il-ħalja ta' mara li għarfitek u riedet tgħallik!
U l-biża' tal-moħqrija bħal dik li rajt fuq il-wiċċ musfar ta' l-Imgħallem għajjat mill-ġisem tiegħek imwerwer * U ħlist mis-swat billi ċħadt lil Ħabibek u Mgħallmek;
Ċħadtu u bkejtu: is-serduk idden * U inti, Pietru, ħija, għaraft minnufih il-kruha tal-qerq.
L-Imgħallem ħares lejk bil-ħlewwa ta' qalb miksura u l-ħniena ta' ġisem imfarrak bis-swat * Int xerridt dmugħ jagħli li feda d-dnub tiegħek.
Ta' kull darba, Pietru, li int tiċħad l-Imgħallem serduk jinstama' jidden fl-Ungerija, fil-Polonja u ċ-Ċina * U l-Imgħallem igħaddi minn fejnek iħares lejk qalbu maqsuma.
Imma mberkin dawk kollha li għallinqas jibku dnubiethom u ma jaqtgħux qalbhom * Lil dawn Ruħ il-Qodos itaffilhom il-kruha tal-qerq, u jwarrab minn qalbhom magħfusa l-għera u d-dlam u jimlieha bid-dawl.
Kif għaffġulek ġismek kollu bit-tankijiet l-egħdewwa tiegħek, Ġesù tiegħi, f'Budapest u f'Pekin * Kemm dgħaw bik u seħtuk dawk kollha li bagħduk fil-Pjazza l-Ħamra ta' Moska!
Araw lil Bin il-Bniedem għaddej waħdu maħbub u mibgħud * waħdu għal għonq it-triq tiela' t-taraġ tas-sekoli li jorbtu ż-Żmien ma' l-Eternità;
Fuq dahru t-tagħbija ta' dnubiet il-bnedmin * Fuq għajnejh it-toqol ta' elfejn sena tmaqdir u inġustizzja;
Waħdu għaddej ma jidhirx, għaddej mitluq jistenna l-Imħabba fit-triqat żienja tad-dinja * Rajtu għaddej fit-toroq maħnuqa bin-nies u bit-traffiku;
Għaddej waħdu fit-toroq il-kbar u fit-toroq iż-żgħar, fl-irħula u fl-ibliet * Għaddej, dejjem għaddej, pass wara pass, jiġbor iċ-ċaħda u l-imħabba tal-bniedem u l-imsiemer tas-Salib;
Iħabbat u jidħol; ibierek u jerġa' għal għonq it-triq * Jieqaf bil-għatx ta' l-erwieħ u jkompli d-djalogu mas-Samaritana;
Hekk, minn seklu għal ieħor, kif qed tarawh il-lum, waħdu, imnikket, ħosbien * Is-serduq jidden, fuq ġbinu l-għaraq tad-demm u ma' ġismu jwaġġa' t-tbenġil tas-swat.
U pass pass warajh Ommu Marija minfuda b'sebat isjuf; u l-għażiż Ġwanni * Hekk, għal dejjem kif dehru fuq il-Kalvarju;

U dell ġisimha madwar il-quċċata tal-Kalvarju * Il-Madaliena titbekka għal dnubietha maħfura;

Ix-xbieha tagħhom imwaħħla mall-wiċċ tas-sekli * Bħal dawl imwaħħal fuq ħġieġa;

Passjoni ta' wġigħ il-qalb. Kalvarju bla tarf * "Vera Ikon" tal-Muġugħ u l-Imsallab li fdiena.

Ecce Homo! Harsu lejh. Għiduli, tagħarfuh lil Ġesù ta' Nazaret? * Araw wiċċu mbenġel u għajnejh minfuħa.

Haddejh u ħalqu mitluqa * X'sura ta' bniedem baqa' fih!

Ġbinu arawh iqattar id-demm * Mad-dawra ta' ġbinu kuruna tax-xewk tagħ-faslu moħħu;

U libsitu arawha mċappsa bit-tbajja' tad-demm magħqud * Lil min tridu b'sultankom – lilu jew lil Barabba?

Ja għajta misħuta ieqaf! La tqanqalx il-għadab ta' Alla Missieru * Tel-għet u semagħha Jahwe: Demm Ibnu fuq rasna u fuq raskom;

Araw li hekk ser ikun, ja nies ta' qalb iebsa u ħażina * Għomorkom kollu tkunu mnassa u mneħħija kull fejn tersqu;

Jobogħdukom, joqtlukom, jaħarqukom, ikasbrukom bħal laħam tal-bhejjem * U kif għamiltu lil Alla tagħkom jagħmlu lilkom u 'l uliedkom.

Itellgħukom fuq is-salib bħalu fejn jarakom kulħadd * U kulħadd jagħmel lilkom dak li intom għamiltu lilu;

Jobżqulkom, jgħajjrukom, ineżżgħukom * U qalb ommijietkom jaqsmu kif intom qsamtu qalb Ommu.

Ja għajta misħuta, erġa' lura qabel teħel mas-sema kundanna tiegħek in-nifsek għas-snin kollha li ġejja * Ja għajta misħuta, int ser taħraq għal dejjem ix-xoffa li lissnitek;

Dak li inti warrabt minn fostok xorta jħobbok u jaħfirlek * Imma l-ħaqq ta' Missieru jilħqek u jneħħik minn fuq l-art ta' missirijietek * Iġar-raflek sal-Maqdes fejn ir-Rabbini tiegħek u l-profeti ħabbrulek il-miġja ta' Ibnu.

U int li ċħadt il-Feddej tiegħek tibqa' tistennieh sa ma tixba' u taqta' qalbek minn dak li wegħdu missirijietek * U lanqas tibqa' temmen f'dak li emmnu huma;

Issir agħar mill-Ġojjin, taqbeż barra mill-Arka * Tiċħad lil niesek u lill-profeti tiegħek;

Dak li qaddes lilhom jisħet lilek; Dak li tella' lilhom iniżżel lilek; * Fuq is-salib li sallabtuh tissallbu intom u uliedkom;

Għal dejjem ta' dejjem, f'kull art u f'kull żmien * Sa ma tindmu u tagħarfu s-sultan li ċħadtu għax Hu biss jista' jneħħi s-saħta li niżżiltu fuqkom.

Araw li aħna wkoll lil Ġesù ċħadnieh bħalkom * Għalina l-ħaqq akbar

għax Ruħ il-Qodos iħaqqaqha iżjed ma' dawk li sabu d-dawl u mbagħad tfewh;

Intom nies tas-saħta kontu għomja. Kellkom id-dawl u bl-għamad ta' fuq għajnejkom ma għaraftuhx * U bgħadtuh, għajjartuh midgħi u mxajtan u ċħadtuh;

Agħar aħna minnkom, iżjed minnkom ulied il-ħtija għax aħna d-dawl għarafnieh u xbajna minnu * Tfejnieh biex ma narawx qerqna u, arana s'issa mitlufa fid-dlam.

Ġesù ta' Nazaret, imtalla' fuq il-għuda tas-salib * Fuq il-għuda tas-salib imtalla' għall-għajb u t-tmaqdir, l-għadu tiegħek l-Midneb,

F'dan id-Delitt min hu bla ħtija? Ara kif dnubietna ħlewna u għarrquna;

Ara li kburitna għelbitna u issa lanqas nifilħu nerfgħu għajnejna lejn issema * Għajnejna għajjiena jitgħammxu x'ħin inħarsu ġox-xemx tal-Ġustizzja;

Fittixna l-għerf mingħajrek, Ġesù, u bħal tronġa sibnieha togħomtha * morra u qarsa u tkemmex il-ħalq;

Stmerrejnieha u bżaqnieha u warrabna wiċċna biex ma nidhrux nisthu * Għax fuq qoxortha u ġo qalbitha kellha miktubin b'ittri suwed: "Jiena l-Mewt!"

Int biss il-Hajja ta' dejjem, Ġesù tal-Galilija * Dak li m'intix int huwa l-mewt.

Inżilna sa ġo qigħan l-art, tima aktar 'il bogħod minn fejn jitilgħu l-għasafar * Ftaħna triq għall-kwiekeb u għax-xemx;

Imma sibna bard u ksieħ wisq hemm fuq, għax x'inhu l-Univers f'kobru mingħajr ix-xemx issaħħnu? Katavru kbir l-Univers kiesaħ, ġisem bla ruħ.

X'inhu l-Univers mingħajr dik ix-xemx li Hija Inti, li Hija Leħnek, li Hija Mħabbtek? * Issammajna għalxejn għall-kliem tiegħek ta' faraġ: kollox sikta u baħħ.

Il-kwiekeb igħajtu bil-glorja tiegħek, il-wesgħat bla kejl jiċkienu filkobor tiegħek bla tarf u jintlaħqu mill-moħħ tal-bniedem * Imma int ma kontx hemm u ntlifna;

U ara li issa qed nibżgħu mill-istess għerf tagħna * Sima nibżgħu minn dak li nafu li jista' f'ħin ta' dnub u ċaħda jeqred il-ħajja li inti ħlaqt għal kobrok u mħabbitna.

Ara li l-għadu Tiegħek li hu wkoll l-għadu tagħna – Satana – issa jimraħ mad-dinja * Jimraħ mhux waħdu imma msieħeb mis-setgħa u fejn iħabbat jifthulu;

Jifthulu u jidħol fid-djar, fil-palazzi, fil-każini u fil-parlamenti * Jifthulu fejn jiltaqgħu nisa u rġiel, biex jonsbu lil għajrhom jew jgħajbu 'l xulxin;

Jifthulu kull fejn jagħalqu lilek, Ġesù * Tabilħaqq, Mulej, li int ġejt f'darek u niesek ta' lbieraħ u llum ma laqgħukx;

Tabilħaqq, Mulej, li s-saltna tiegħek resqet fuqha dik tal-Għadu tiegħek u tagħna li aħna tħabbibna miegħu;

Imma jkollok ħniena, Mulej, għall-imħabba ta' dawk li meta ħabbattilhom fetħulek * Għall-imħabba ta' dawk li mxew warajk u ma beżgħu minn ħadd;

Għall-imħabba wkoll ta' dawk li ċaħduk għax dgħajfa * U meta idden is-serduq xerrdu dmugħ jagħli u nfnew;

U fuq kollox aħfrilna għall-imħabba ta' Dik il-Mara li hija Ommok * Imma li hija wkoll Ommna għal dejjem;

Dik il-Mara qaddisa, safja fost in-nies kollha maħluqa u li għad iridu jinħalqu * Marija Omm Alla, ommna wkoll;

Il-lum, nhar il-Ġimgħa l-Kbira, ħallina nibkuk magħha, Mulej * La twarrabniex. Għid kelma waħda u ssaffina.

Ejjew, ja ħuti lkoll, li ma tibżgħux tifthu l-bieb ta' darkom lil Ġesù ta' Nazaret meta jħabbtilkom * Ejjew intom ilkoll li ma tibżgħux tistqarruh meta ħaddieħor jiċħdu;

Ejjew intom ilkoll li ma tisthux tagħtuh jixrob meta jieħdu l-għatx; * U lanqas tisthu titimgħuh meta jieħdu l-ġuħ;

U tlibbsu miegħu lill-għarwenin * U tinżlu fl-art miegħu taħslu s-saqajn tal-morda u l-fqar.

Ejjew, ma nkunux waħedna; ejjew, tibżgħux * Hija tkun magħna u tidħol bejnna u bejnu.

Nitilgħu fejn ilha tbati, waħedha iġġarrab imrar u niket dalwaqt elfejn sena * Hemm arawha fejn is-salib għar-rjieħ u għax-xita;

Nitilgħu fuq il-Kalvarju fejnha, purċissjoni ta' Ndiema * Dinja sħiħa niedma;

Kantawlha t-thellila ta' ruħ Jacopone da' Todi:

**Stabat Mater Dolorosa**
**Juxta crucem lacrymosa**
**Dum pendebat filius.**

Nibżgħu nitilgħu, Marija; nibżgħu, ejja wennisna, ejja wassalna * Il-lum dnubietna jidhru ikreh minn qabel. Il-lum ħruxitna ċċanfarna;

Wassalna, Marija, fuq il-Kalvarju fejn ibnek * Ejja għalina minn Lourdes jew minn Fatima. Ejja, Marija;

Għax nibżgħu, Marija, nitilgħu mingħajrek * Ejja għalina – nistennewk, Marija, il-ħin kollu nistennewk jew minn ġos-sħab jew mill-kwiekeb;

Ejja għalina, Imbierka Int fost in-nisa * Mara ta' qalb kbira, Omm l-aktar

safja. Omm tal-qalb minfuda li tagħder u taħfer;

Omm il-Hallieq ta' l-Univers, omm ulied it-trab ta' l-art * Aħna li qtilnielek lil ibnek, nitolbuk taħfrilna u twassalna fejnu biex nitolbuh maħfra u nbusuh fuq il-Għuda tas-Salib, mejjet għall-Fidwa tagħna.

## L-GĦAJTA TAL-QALB – CRI DE COEUR[1]

LEĦEN: Qed nisma' fil-bogħod l-ilħna tal-ġnus; qlub imdejqa, il-leħen wit-tgemgim ta' nies bla sabar. Fejn huma sejrin? Mnejn huma ġejjin, dawn l-ilħna mill-oqbra misruqa biż-żmien? Fejn intom? Min intom? Fejn intom sejrin?

ŻEWĠT ILĦNA (MARA W RAĠEL): Aħna wlied id-Dawl li tlifna sehemna fil-Ġenna ta' l-Art. Aħna l-imkeċċijin, l-imsawtin, l-imgħallqin, l-ixkubettati, aħna l-ippersegwitati...

LEĦEN: Hekk imdejqin, qatt xebgħanin, fejn intom sejrin?

L-ILĦNA: Sejrin fejn uliedna marru maħrubin, mill-oħtra msawtin, fuq l-iġbla fejn ma jilħqux l-ilmijiet ta' l-oqsma mgħarrqin...

LEĦEN: Min inti, ja mara, b'dak leħnek miksur? Min inti, ja raġel, b'dak leħnek magħdur?

IL-MARA: Jiena Eva, ommok. Mara fost in-nisa li nissilt minn ġufi n-nisa w l-irġiel tad-dinja kollha. Uliedi maqtula wil-ħajjin maħruba għax wasal il-lejl.

ADAM: Jiena, Adam, missierek, raġel li żrajt f'ġuf Ommok il-ħajjiet li ferħu u li weġġgħu, il-ħajjiet li għaxu u li mietu.

IL-LEĦEN: F'diqa ta' qalb, waħedkom, fejn intom sejrin?

IT-TNEJN: Sejrin għand l-Għaref li għandu l-kelma tas-Sewwa, sejrin nitolbuh igħidilna kif nistgħu neħilsu 'l Uliedna mill- qerda mbeżżgħin.

EVA: Qalb ta' Omm ma tiflaħx iġġarrab niket akbar meta tara x'kellu jgħaddi minn uliedha, id-dmugħ wid-demm, il-moħqrija wir-regħba... in-nirien u l-irmied, l-iġsma maħruqa, l-intejjen, l-infern.

[1]Instema' fis-*Soiree Lyrique* fit-Teatru ta' l-Universita fil-25 ta' Frar 1961. Kien mitbugħ għall-ewwel darba fil-*Leħen il-Malti* ta' 1963 f'paġni 21-27.

IT-TNEJN: Aħna s-Siġra li miż-żerriegħa tagħha ħarġu l-miljuni ta' siġar li mlew wiċċ id-dinja kullimkien. Iż-Żerriegħa tal-Ħajja taħraq ġo fina.

IL-LEĦEN: Imsejknin omm u missier, imdejqin, fejn intom sejrin?

IŻ-ŻEWĠT ILĦNA: Sejrin fejn uliedna mweġġgħin nitolbuhom jaħfrulna l-ħtijiet tad-Demm; sejrin għand l-Għaref li jgħallimna t-triq li tieħu għad-Dwejra ħanina tal-irqad bla ħolm.

KOR: Erġgħu lura, ja msejknejn, egħjun ta'ilma nixfin, intom żrajtu fid-dinja ż-żerriegħa tas-siġra maħsusa.

IT-TNEJN: Imma aħna rridu niltaqgħu mal-Għaref li jaf it-triq tal-Fidwa u għandu s-setgħa jħassar il-ħtija li marrditilna 'l uliedna u ma ħallitilniex sabar fil-qabar bla isem fejn Kajjin.

L-EWWEL KOR: Ejjew mela għand l-Għaref Żaratustra... Dak igħallimkom kif mill-bniedem dgħajjef li jibża' u jitbekka toħorġu bniedem ikbar li jiflaħ għad-dinja. Isimgħu lill-Għaref tal-Persja li ħataf dijjietu minn dijjiet ix-xemx u għallem 'l uliedkom jinżgħu b'ridithom il-Bniedem iż-Żgħir u jilbsu minn floku l-Bniedem il-Kbir: l-OBERMANN.

IT-TNEJN: Għaref tal-Persja, x'dija sraqt mis-sema li tista' ddawlilna l-qiegħ ta' ruħna mgerrma mis-susa tad-Dnub?

ŻARATUSTRA: Taħt it-toqol ta' ħtijietkom sirtu żgħar daqs kobba tal-ħajt li ferħ ta' qattus jixxiegħel biha ħdejn il-maġmar fil-ġranet tax-xitwa. Intom turija tal-Bniedem bla ħila li ma għarafx jaħdem żewġ ġwienaħ u bihom jitla' 'l fuq fejn is-sħab idur madwar irjus l-iġbla ta' l-allat. Isimgħu minni u tkunu allat.

EVA: Dan il-leħen mhux ġdid. Ja Żaratustra, int forsi s-Serp li ittradieni?

ADAM: Int ix-Xitan li nkieni?

ŻARATUSTRA: Jiena l-profeta tan-Nar. Ngħallimkom tkunu qawwija u bla ħniena jekk tridu tirbħu l-biża' ġo qalbkom. Xi switilkom l-irtubija tal-indiema? Kontu ċkejknin u bqajtu – Jiena ngħallimkom il-Bniedem il-Kbir, dak li l-ponn tiegħu huwa iebes daqs il-ħadid u kull fejn jolqot ifarrak; li għarqubu jitħan it-trab li jirfes fuqu... Jiena ngħallimkom il-mibegħda ta' min ħaqarkom. Tgħallimtu toboghdu lil min għamlilkom id-deni? Tgħallimtu tiġġieldu?

ADAM: Tgħallimt nintlewa taħt il-għodda tqila tax-xogħol biex nisraq lill-art l-għejxien ta' kuljum.

EVA: Tgħallimt inradda' 'l uliedi fid-dmugħ ta' semm ħalibi morr u marradi;

tgħallimt nixxher fuq il-kadavri ta' wliedi u wliedhom maqtula minn ħuthom.

ŻARATUSTRA: Kemm intom dgħajfin! Xi tridu minn għandi? Jiena għandi l-għerf li jagħlaq il-qalb għall-ħniena wil-biża'. Dawk li u la jħennu w lanqas jibżgħu jikbru minn ġo fihom nfushom bħas-siġar li jikbru minn daqsxejn ta' żerriegħa... Jekk timxu warajja, intom issiru siġar kbar u tnisslu minnkom siġar akbar.

EVA: Għandi qalbi battala, mejta, baħħ; għandek biex timlihieli?

ŻARATUSTRA: Nimlihielek bl-ebusija wil-mibegħda ta' min ħaqrek. Fil-mibegħda l-bniedem jikber... jisboq lilu nnifsu u lill-bhejjem. Isir il-ġgant tal-ħolqien... il-Qawwi u l-Għaref tassew.

ADAM: Għandi ruħi mingħajr egħruq għax baqgħet minsuba bejn l-infern wil-ġenna fid-dlam bla wens. Għandek torċa li ddawwalli triqti?

ŻARATUSTRA: Il-ħruxija misnuna fil-mibegħda tqawwi u tkabbar id-dgħajjef u tagħmel qalbieni lill-beżżiegħi... Kunu suldati... ilbsu l-uniformi tal-Gwerra!

IT-TNEJN: Terraqna miljuni ta' snin mad-dawra ta' l-art u ma rajniex ħlief gwerer; 'l uliedna jaħarqu l-art li tgħajjixhom, iġarrfu l-ibliet li tellgħu b'dirgħajhom. It-tfal tagħna qatlu lil xulxin u ħaffru għal uliedhom qabar misħut. Fil-qabar ma sibniex sabar. Bi ħtijietna tgħawwiġna.

ŻARATUSTRA: Jiena ngħidilkom li l-Gwerra tħarrax u tagħmel il-bniedem qalbieni.

EVA: Int mela l-assassin ta' wliedna? Int li mill-bniedem dgħajjef toħroġ il-bniedem qalbieni? Int dak li tilbes żarbun bil-pett ta' l-azzar biex mnejn tgħaddi tħabbat u tħaffer? Int l-assassin ta' uliedna! Il-ħâres ta' Belsen u Hiroxima!

ADAM: Int, Zaratustra, mela li ħraqt it-tfal tagħna fl-ifran, li qaxxarthom ħajjin u bil-ġilda tagħhom għamilt qigħan iż-żraben tas-suldati tiegħek?

ŻARATUSTRA: Intom żgħar kontu u żgħar bqajtu, ulied it-trab. Uliedi xorbu id-dawl tal-kwiekeb u s-seħer tal-Kobor u l-Għerf bidilhom. Morru minn quddiem għajnejja! Biex jitnissel il-Kbir jeħtieġ li intom tgħibu mid-dinja. Gwerra kbira teqred iż-żerriegħa tagħkom u tnaddaf id-dinja għal ġens ġdid tan-nies Kbar u Qawwija.

IL-KOR: Gwerra! Gwerra! ħejju t-triq għall-Għaref u l-Qawwi.

ŻARATUSTRA: Isimgħu leħen is-suldati tiegħi... itwerwru minnhom, għax

dawn iridu jeqirdu ż-żerriegħa tagħkom u flokha jiżirgħu ż-żerriegħa tas-Siġar il-Kbar li bi frigħethom jorbtu d-dinja max-xemx u b'dawlha jnixxfu ż-żerriegħa ta' nisilhom mishut!

KOR: Aħna wlied Zaratustra nfaħħru 'l gwerra għax din issonn l-għodda msadda u tqajjem dak kollu li jkun rieqed ġo fina – il-qlubija wil-ħeġġa reqdin jinbidlu fi xwabel tan-nar. Isimgħu l-għerf ta' l-Imgħallem.

ŻARATUSTRA: Aħna ma rridux li l-eħrex għadu tagħna jkollu ħniena minna, u lanqas ma rridu li jħennu għalina dawk li aħna nħobbu l-aktar. Halli-hom igħidulkom is-sewwa! Ja ħuti gwerriera Jiena nħobbkom minn qalbi kollha. Jiena għadni, u kont minn dejjem bħalkom. Imbarra dan, jiena l-eqqel għadu tagħkom. Mela ħalluni ngħidilkom is-Sewwa! Jiena naf l-għira wil-mibegħda li hemm f'qalbkom. Kunu mela kbar biżżejjed biex ma tisthux minnhom! U jekk ma tistgħux tkunu l-qaddisin tal-Għerf, għall-inqas kunu l-gwerriera tiegħu. Qed nara aktar gwerrieri. Nixtieq narakom bħal dawn, għajnejkom igħarrxu għall-għadu tagħkom.

ADAM U EVA: Hekk għamel it-tifel tagħna Kajjin. Imma jaħasra Abel ma kienx għadu tiegħu.

LEĦEN: Jisktu l-ilħna tad-dgħajfin ħalli jinstama' tagħlim il-Qawwi, id-dawl ta' l-Għerf ġdid, l-għerf ta' Zaratustra.

ŻARATUSTRA: Intom ikollkom tfittxu l-għadu tagħkom, u taħbtu għalih fil-gwerra. Il-paċi tħobbuha biss bħala mezz ta' gwerer oħra; u aktar ma tkun qasira l-paċi aħjar.

IT-TNEJN (ADAM U EVA): Assassin, sikket leħnek xewwiexi... agħtina 'l uliedna, dawk li sawwatt, dawk li int dfint u ħraqt ħajjin, dawk li int qtilt bil-ġuħ u l-għatx, dawk li int werwirt u ġennint, dawk li inti ħas-sart, l-iltiema u r-romol, it-trabi u n-nisa li qtilt.

ADAM: Għaraft il-Leħen wit-tnassisa. Konna waħedna meta smajnieh dan il-leħen tal-Qerq. Tiftakru?

EVA: Niftakar il-leħen wiż-żegħila wil-bewsa tas-semm max-xufftejn... is-serp jitkaxkar fuq żaqqu mal-qiegħa ta' l-art.

LEĦEN: Jisktu l-ilħna tad-dgħajfin biex jarġa' jinstema' l-leħen tal-Qawwi.

IT-TNEJN: Halli jinstama' l-leħen tagħna u jiskot il-leħen tas-serp Filo-sofu qawwi. F'isem l-ommijiet u l-misserijiet tad-dinja kollha tal-bieraħ, tal-lum, u ta' għada, agħtina lura 'l uliedna bla qabar... raġġa' n-nifs fil-kadavri tagħhom kiesħa... ħarrek l-idejn u l-isdra weqfin... iftaħ l-għajnejn magħluqa u rodd il-kelma tal-ħalq misdud.

*Mużika.....*

EVA: L-ommijiet jibku l-ulied. Leħenhom ħiereġ minn ġufi, ġuf l-ommijiet kollha jitħarrek ġo fija u jien ma għandix sabar.

ADAM: Il-ħtija ta' Dnubna taqtagħlna nifisna.

IT-TNEJN: Min ser jaħfrilna?

LEĦEN MISTIKU: Jiena huwa Dawl ta' dejjem. Jiena huwa t-Triq. Ixegħlu t-Torċa mid-Dawl Tiegħi, u ssibuha t-Triq li ilkom tfittxu.

IT-TNEJN: Min sa jaħfrilna?

LEĦNU: Dak li ħafer lill-Madalena u lill-miljuni ta' mniġġsin... Dak li ħafer lill-assassini Tiegħu... dak li weġġa' ħafna u jaf x'jiġifieri dwejjaq u uġigħ.

IT-TNEJN: Min Inti?

LEĦNU: Min tgħidu li Jiena?

IT-TNEJN: Leħnek niftakruh... Int Ġesù ta' Nazaret. Int l-Iben ta' Alla.

LEĦNU: Jiena hu... Min jemmen fija ma jmutx... iqum miegħi.

IT-TNEJN: Int huwa l-Għaref li qed infittxu. Għallimna, Mulej, kif neħilsu 'l uliedna minn niket wid-dwejjaq li wirtu minn għandna? Aħfrilna, Mulej.

LEĦNU: Dnubietkom maħfurin... la tibżgħux... la tiddubitawx.

IT-TNEJN: Agħtina l-mistrieħ fil-qabar ta' ħtijietna u 'l għerfek qaddis għal uliedna.

LEĦNU: Ikunu wliedkom mhux biss suldati imma wkoll gwerriera. Il-gwerra ta' l-iben ta' Alla hija kontra d-dlamijiet... u fuqkom inxerred il-paċi ta' l-oqbra minsija, fuq uliedkom il-faraġ tal-ħtija maħfura u tal-imħabba bla tarf.

LEĦEN IEĦOR: Jisktu l-ilħna tal-bniedem ħalli jinstama' minn qiegħ iż-żmien bla żmien il-leħen farraġi ta' l-Imqawwem mill-Imwiet fis-Sebħ ta' Missieru, Bin Alla ħaj. Tqaddsu fil-għerf tal-faraġ tiegħu. Tgħaxxqu bl-imħabba ta' qalbu, u fi qdusitu stagħnew u thennew. Għal dawk kollha li ġarrbu diqa u moħqrija, ħalli kliem il-faraġ idewwilhom il-ġerħa tad-demm.
[*Mużika*]

LEĦNU: Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet.
Imberkin l-imnikktin, għax jitfarrġu.

Imberkin il-ġwejdin, għax jiksbu l-art.

Imberkin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tas-sewwa, għax ikunu mxebbgħin.

Imberkin dawk li jħennu, għax ikollhom min iħenn għalihom.

Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw 'l Alla.

Imberkin dawk li jagħmlu s-sliem, għax jissemmew ulied Alla.

Imberkin dawk li jagħmlu għalihom minħabba s-sewwa, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet.

Imberkin intom meta jgħajrukom u jagħmlu għalikom u jgħidu minn kull deni fuqkom bil-gideb minħabba fija.

Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet; hekk ukoll huma għamlu għall-profeti ta' qabilkom.

Kor: Ma hemm ħadd akbar minn Ġesù ta' Nazaret – Huwa l-Obermann, huwa l-aqwa, l-aktar wieħed f'saħħtu. Huwa asħaħ minn Atlante għax huwa jġorr fuq spallejh l-Univers kollu – Taħt għarqbejh jitkebbu d-dinja wis-smewwiet, tron ta' qawwtu fil-lemin ta' Missieru, jinfirxu quddiemu qishom twapet li fihom jidhru bħal imsiebaħ tad-deheb il-kwiekeb wil-pjaneti. Huwa l-Aqwa Raġel u l-Aqwa Alla. Ikun Imbierek, mela, l-Isem tiegħu qaddis mis-sema sa l-art u mill-art sas-sema. Ikun imbierek fil-ħin ta' rqad u mbierek ukoll fil-ħin tal-qawmien; ikun imbierek fiż-żmien u barra miż-żmien, imbierek fl-eternità għal dejjem ikun imbierek fih innifsu, f'Missieru li ħabbu u fl-Ispirtu s-Santu li għarfu u qaddsu.

Adam [Waħdu]: Mulej, iddrittali dahri mgħawweġ bix-xogħol ta' miljuni ta' snin wiċċ-imb-wiċċ mal-ħamrija u mal-bhejjem selvaġġi u wittili l-mogħdija madwar l-iġbla u l-widien.

Eva: Mulej, agħti lili u lil Adam il-mistrieħ tal-qalb li tlifna darba u qatt ma sibna iżjed. Ismagħna, Mulej!

Adam u Eva: Ġesù ta' Nazaret li toħroġ 'il barra miż-żmien għax int l-eternità, minn dejjem sa dejjem, agħtina lura 'l uliedna miġwieħa, maqfula fil-ħabs ta' Kajjin u uliedna mċaħħdin, uliedna misruqin, uliedna mregħxin, uliedna mitlufin.

Il-Kor: Agħti, kbir Alla, il-mistrieħ tal-qalb wil-moħħ lil ommna Eva u lil missierna Adam. Aħna wliedhom li nġorru fuq ġisimna l-wirt ta' ħtijiethom, ħfirnielhom u ħabbejniehom. Żewġ martri tal-Qerq.

Adam u Eva: Agħtina d-dawl li jikxef il-qerq mistur fit-tbissima ta' Zaratustra... taħt saqajna ngħaffġu tagħlim għerfu qarrieq, intajruh mar-

rjieħ... Mulej, ismagħna.

ADAM: Mulej, isma' talbi wit-talb ta' wliedi. Agħtina l-mistrieħ tal-moħħ wil-qalb.

EVA: Agħti lil uliedna wkoll il-mistrieħ tal-qalb wil-moħħ. Ħallina narawhom miġbura lkoll flimkien ħajjin, Abel u Kajjin, madwar mejda waħda, jifirħu b'xulxin u b'ulied xulxin u bin-nisa tagħhom. Mulejja, fejjaq 'l uliedi.

ADAM U EVA: Nafu aħna li ttradejna lilek u lilhom, uliedna sallbuk! Aħfrilna, O Ġesù, u aħfer il-ġnus tad-dinja, il-ġnus maħqura, mgħobbija bi ħtijietna, f'ġieh dik il-Mara nisel laħamna imma meħlusa mit-tebgħa ta' ħtijietna, Marija ta' Nazaret.

LEĦNU: [*Jinstema' waqt li s-saparju jingħalaq ftit ftit*]: "Jiena d-Dawl tad-dinja. Jiena t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja" "Jiena l-Ħobż tal-Ħajja. Dak li jiġi għandi ma jeħdux ġuħ, u dak li jemmen fija ma jeħdux għatx. Dak li jiġi għandi ma nibgħatux 'il barra. Hija r-rieda ta' Missieri li minn dak kollu li tani jiena ma nitlef xejn imma narġa' nqajmu millimwiet fl-aħħar tad-dinja. Kull min jara l-Iben u jemmen fiH ikollu l-ħajja ta' dejjem."

KOR: Halleluja! Halleluja!

## L-GĦANJA TAL-ĦAMES BIBIEN

*(Qlib mill-Ingliż ta' poeżija tiegħi "Of The Five Doors" miktuba fl-1945)*

ĦSIEBKOM hemm intom in-nies mitlufa fix-xagħri. Ħsiebkom fil-ĦAMES BIBIEN, il-ĦAMES BIBIEN PROJBITI, il-Ħruġ ipprojbit, u l-kitba fuq il-ġebla tad-dħul tagħhom: *Lasciate ogni speranza, o voi che entrate*. Ilni nwiddibkom kontra l-ĦAMES BIBIEN li m'għandhomx ħruġ għax-xemx ta' Barra, għax huma mdawrin minn kull naħa minn għefieret għassiesa li jibelgħu d-dinja u jfarrku l-iġbla b'saqajhom.

Tiftakru dak il-*Canto* fid-*Divina Commedia* u fl-Apokalissi? Intom qatt ma għandkom tinsew l-għaqda li hemm bejn ir-raġel ta' Patmos u dak ta' Firenze u kif jien infexxejt ngħajjat, "Żommu l-ĦAMES BIBIEN magħluqa, il-ĦAMES BIBIEN projbiti msakkra, maqfula u mbarrati, biex ma tħallux ja-

ħarbu minnhom ix-xjaten li jisverġnaw ix-Xbejba tal-ġisem delikat, id-demonju żieni li jagħmel għal laħam il-bniedem.

Hija fraġli tassew din ix-Xbejba li t-tbissima tagħha mis-sema għandha mis-susan tawwali fuq iz-zokk tiegħu, jonkella mill-bjuda tal-borra li tgħatti bħal mantar il-quċċata tal-ħsieb. Tiddi u tħossha qisha d-demm frisk tas-sebħ aħmar ta' filgħodu.

Wild l-għefieret jimraħ ġo l-imsaġar – l-isqra jieklu l-iġsma mejta jintnu bit-taħsir. Għax din hi tabilħaqq dinja li ma tilqax l-Istranġiera s-Sabiħa. Imm'aħna noħorġu nilqgħuha bħala sultana, rekbin fuq żwiemel mgħammrin b'xedd tad-deheb, kif jixraq lill-Prinċipessa ta' demm irjali u b'bukketti ta' bjuda liema bħalha.

Jaqaw qegħdin taqtgħu qalbkom li għada binhar mhix ser tiddi x-xemx u l-anqas il-kwiekeb ma joħorġu jpetptu bil-lejl? Qawwu qalbkom għax mhux id-dinja kollha ħerba u l-anqas l-għejjun m'huma kollha miksura. Għad baqa' ġonna m'humiex imħarbta; għad baqa' għejjun li huma bħal tazza li ġo fihom tissawwab ix-xita tas-smewwiet minn ġo żaqq is-sħab.

Ma nħallux ix-Xbejba s-Sabiħa tirżaħ barra fil-kesħa bħal waħda mistiedna li ma rriduhiex tidħol. Ħalluha tidħol b'kull ġieħ u doqqu t-trumbetti biex kulħadd joħroġ jagħtiha l-merħba.

Xejn ma jgħatti 'l ġisimha verġni aħjar mill-istess ġilda tagħha sħuna u mielsa bħal larinġa mhix mimsusa li tieħu lewnha u tibda ssir f'dawl ix-xemx issaħħan is-siġra msaħħra tal-ħajja. Hija tabilħaqq l-Għarusa tal-Ġmiel li s-Sid il-Kbir ħa fis-sodda miegħu biex minn ġisimha jnissel il-ġens ġdid tan-nies kbar u qawwija.

Għalhekk nitolbuha tidħol mill-aktar fis. Dan hu ġieħ kbir għalina. Godiva, idħol f'darna għax il-għera ta' ġismek ġarrab il-prova mingħajr biża' u tregħix u ż-żiemel li rkibt ma tajrekx minn fuqu. Din hija tabilħaqq ir-rebħa tas-safa fuq id-Dib taż-żina li jagħmel għal laħam il-bniedem.

'Ara! Godiva, aħna nagħtuk minn jeddna n-nixxigħat u l-għejjun tagħna kollha. Xagħrek jaħraq bil-ħajja bħas-sjuf mixgħula tas-Sebħ u għajnejk huma sbieħ u mielsa bħall-kwiekeb rotob imdeffsin fil-moħħ qawwi tas-sema jaħraq bil-ħajja ta' fehma bla tarf. Aħkem fuqna bis-sliem u bis-sewwa. Il-għera ta' ġismek rebaħ!

Sinjuri li ħriġtu biex tagħtuha merħba, jekk tassew intom tħobbuha, tridu tibqgħu tħarsu l-għejjun u n-nixxigħat biex ma tħalluhomx jitniġġsu jew jinxfu.

Flok l-ilma bħalna ġisimha qiegħed jixrob id-dawl għax aktar nadif minn tagħna; għax fil-għera ta' ġenbejha hi ma taħbi xejn anqas il-verġinità tagħha. Imma jekk intom ma tisimgħux minni u ma tħallux il-ĦAMES BIBIEN

PROJBITI magħluqa, maqfula u mbarrati, intom ser issibu ruħkom mitfugħin 'il barra mill-palazz għax Sid id-dar mhu ser iħalli lil ħadd iweġġagħha u jtebbagħha. Lil bintu hu qatt mhu ser iżewwiġha lil irġiel żienja u ħanja li x-xenqiet ta' ġisimhom huma mdardra u mniġġsa, mitluqa bħal bhejjem tax-xagħri jħufu bil-ġuħ. Lil dawn jitfagħhom fil-maqjel mal-bhejjem.

Il-banketti tad-deheb tas-seba' smewwiet huma d-dota tagħha, Hija titla' mas-sellum tad-deheb sat-torri tas-sema biex tagħżel bħala kuruna għal rasha l-aktar kewkba li togħġobha għax missierha jrid li l-għażla tkun kollha tagħha. Tixtieq inti tkun l-għarus tax-Xbejba jew tagħżel li tkun il-għassies tal-ħnieżer? Morru minn hawn, ja nies bla ġieh għax tassew qżieqeż intom; nies mingħajr għaqal u bla fehma tixbhu lill-ġebel samm.

Minn ġisimkom u xewqitkom toħroġ intiena kbira. Għalhekk intom tħobbu l-qżieqeż u bħalhom iddeffsu mneħirkom fl-intejjen tal-miżbla.

Isma' lil ruħi qiegħda terġa' tgħajjat: "Sakkru l-bibien, il-ĦAMES BIBIEN PROJBITI għax nibża' li l-mostri jisverġnawni u jagħmluni l-Omm tal-Vizzju. Kif nista' nieħu nifs f'din l-intiena li qed tifgani kullimkien, tielgħa mid-drenaġġ għax ma rridx inkun il-għassies tal-ħnieżer li jixorbu u jisimnu bix-xaba' tad-demm imxerred ma' l-art?

"Agħtini niekol ġurati niexfa u rqaq u jekk intom tħobbuni tassewillum u dejjem, ħalluni nixxierek ma' l-għassiesa tal-ġurati magħluba."

X'jiġri jekk jaqtgħuli rasi u kif tkun tqattar bid-demm iqegħduha fuq platt tad-deheb biex jagħtu gost lil bint it-tirann?

Xi darba jrid ikun hemm firda u qasma x'imkien. Għażla bejnietna għal dejjem meta dawk li jagħmlu l-ħaqq jikbru u dawk li l-ħaqq ikasbruh jitolbu għalxejn lill-iġbla jaqgħu fuqhom u jordmuhom.

Għax l-iġbla ma tiġihom qatt ħniena mill-għassiesa tal-ħnieżer; jaħraqhom għatx kbir u jnixxfilhom ġilditħom u jqallbilhom imsarinhom b'uġigħ li ma jaqta' qatt. Hejju mela t-triq għal Sidtna u nqegħduha fuq it-tron li jixirqilha bħala Sidt il-palazz. Sellmu lill-qaddejja tagħha ħdejn il-ĦAMES BIBIEN PROJBITI bil-Glorja tas-smewwiet imdawwal bil-kwiekeb t'Alla li ħa lir-Ruħ b'għarustu u minn bejniethom warrab il-ġisem xewwiexi u żieni. Leħen fil-barr, ħabbâr ta' Sebħ, qiegħed jinstema' jgħajjat ifakkar fis-Salib u ċ-Ċaħda. Arani, sa noħroġ 'l barra u nsabbat il-bieb warajja, il-bieb tat-tnassis qarrieqi, dak il-bieb li jagħlaq il-bibien l-oħra kollha. Iżda biex nagħmel il-qalb jien ħsilt idejja ġon-nixxigħat friski u ħassejtni nistejqer u mill-bogħod taż-żmien smajt leħen li għaraftu jgħajjat minn ġol-belt ta' Sijon fost il-beraq ileħħ minn ġo l-iġbla mheżża.

"Hejju t-triq għal Sidtna għax hija l-Għarusa tad-Dinja, il-Bint maħbuba t'Alla."

Għalhekk, inti li tira' l-ħniežer, Satana, għadu t'Alla u tal-bniedem, la twaqqax fit-tiġrib il-qaddej ta' Alla. Għajnejja jgħarrxu fost l-iġbla u l-kwiekeb jistennew il-miġja Tiegħu sa ma jasal il-jum mistenni meta Missierha li hu fis-smewwiet jiftaħ il-bieb tas-Saltna tal-Majestà tiegħu għal dawk kollha li ħabbew u qdew lil Bintu.

Hekk ikun!

*Maqluba fis-27 ta' Diċembru, 1971.*

## IL-MIRAKLU

*(Qlib mill-Ingliż tiegħi "The Miracle" miktuba fid-9 ta' Marzu ta' l-1950)*

"Stenna! stenna!" –
Kemm iddum tistenna, tistenna mingħajr data,
mingħajr ma taf li xi darba l-għaġeb ser iseħħ,
X'imkien, issa malajr jonkella tard,
Xi darba f'did-dinja fejn għadna ħajjin.
U kemm sa ndum ikolli nistenna
biex nara Warda tikber u tiftaħ fejn riġlejja,
u l-imrar jinbidel fi ħlewwa?
Jewwilla, jista' dan ikun id-destin
maħkum minn żmien ilu, imwarrab merfugħ għalija
Li bil-lejl u bi nhar – bi nhar u bil-lejl
f'ħin il-mistrieħ u f'ħin il-ġlieda,
Jien ikolli nistenna, nibqa' nistenna
waħdi fejn il-Bieb
Ta' ħajjet il-Mewt,
u ngħajjat lin-nies huma u għaddejja:
"Ikollkom ħniena, il-ħniena kollha
li tistgħu tħossu wit-tjubija
li toħroġ l-inwar minn ġuf l-art maħruqa
sa kemm fejn riġlejja jikber u jinfirex il-ward
u l-imrar jinbidel fi ħlewwa?"
Ser ikollna nibqgħu nistennew
Il-miraklu li xi darba għad irid iseħħ

Nistennew fejn il-Bieb ta' ħajjet il-mewt infisħa
Nistennew .... nistennew .... dejjem nistennew
.... u nitolbu sa ma jfeġġ il-ward
minn ġuf l-art maħruqa,
u l-imrar tal-ħajja jinbidel fi ħlewwa
u l-miraklu sa fl-aħħar iseħħ.

27.xii.71

## IL-ĠABRA TAL-WIĊĊ

*(Qlib mill-Ingliż tiegħi "The Harvest" miktuba fil-qorti ta' Għawdex waqt waħda mis-seduti fid-19 ta' Mejju tal-1942)*

HEMM żmien meta jinġabar il-għadam bħal ma hemm żmien meta jinġabar il-ħaġar, għax ir-ruħ tiekol dnubietha wkoll meta dawn huma aktar ibsin miż-żonqor u aktar rotob mill-ħalib. Għan-nies ta' rieda tajba biss, dawk li jagħmlu l-ġid wil-ħaqq, hemm il-ġabra tal-wiċċ tal-ħobż.

Aħna li sselitna ma' l-Arkanġlu u tqabadna miegħu ħriġna għajjiena u mfarrka fit-taqbida għax il-ġlieda ma kenitx saħħa b'saħħa, tarf il-vjaġġ kien jidher fil-bogħod wisq u l-lampa mkissra baqgħet mhix imsewwija.

Issa jien nitlob Lilu jerġa' jsewwili l-lampa miksura u jimlieha bil-grazzja Tiegħu, iħallili snieni muġugħa sħaħ, u flok ħaġra jagħtini ħobża u bis-saħħa ta' l-għaġeb Tiegħu ta' tkattir,

Jagħtini wkoll qoffa ħut.

*Maqluba fis-27 ta' Diċembru, 1971*

# IL-ĦSAD

*(Maqluba mill-poeżija tiegħi bl-Ingliż "The Harvest" 1942, fil-ħsieb iktar milli fil-kelma)*

Hemm ħsad il-għadam, kif hemm ħsad il-ġebel
Għax ir-ruħ bil-ġuħ tgerrem dnubietha
Ibsin daqs iż-żonqor jew rotob daqs il-baqta.
Għat-tajbin biss, għal dawk li jagħmlu l-ġid, hemm Ħsad il-Ħobż;
Iżd'aħna li ħadnieha ma' l-Arkanġlu San Mikiel
Sfajna mfarrka u miġruħa fit-taqbida,
Għaliex qalila kienet il-ġlieda u bla nifs
Għal tul it-triq baħħ mingħajr dawl u l-imnara f'idna mkissra.
Għalhekk issa nitlob li jerġa' jimlieli kusi biż-żejt tal-grazzja,
Nitolbu jsewwi s-snien miksura fil-ġlieda
U flok ġebla jagħtini ħobża u Għadd it-Tkattir tal-Mirakli tiegħu.
Għax ħuta waħda timla l-qfief tal-Grazzja,
U l-ġebel jirtab u jsir ħalib,
Il-miġweħin jaqtgħu l-ġuħ
U l-għatxanin jaqtgħu l-għatx.
Imberkin il-qfief tal-grazzja t'Alla li bħall-qfief mimlijin bl-għeneb
Iqarbnu b'Ġismu u b'Demmu lill-għatxana u 'l-miġwieħa.

Lulju, 1971

## Kronaka ta' l-Għaqda tal-Malti (Università)

10 ta' Novembru 1971: Riċeviment lill-Onor. Anton Buttigieg fid-Dar ta' l-Istudenti, fl-Università, l-Imsida.

24 ta' Novembru 1971: Konferenza Ġenerali ta' l-Għaqda fit-Teatru ta' l-Università, il-Belt. Elezzjoni tal-membri tal-Kumitat il-Ġdid wara diskussjoni fuq l-Istatut il-ġdid ta' l-Għaqda.

28 ta' Novembru 1971: Żjara liċ-Ċimiteru ta' l-Addolorata biex inqimu lil membri mejtin u kittieba oħra tal-Malti. Saret quddiesa għal ruħhom mid-Direttur Spiritwali Fr. M. Jaccarini S.J. megħjun minn Fr. Ġ. Schembri.

4 ta' Diċembru 1971: L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Ċentrali. Kull membru ngħata x-xogħol tiegħu. Inħatru wkoll is-sotto-kumitati: Fergħa Drammatika u Fergħa Kulturali.

29 ta' Diċembru 1971: Lejla Letterarja. Inqraw xoghlijiet oriġinali tal-membri tal-Għaqda. Il-Kulleġġ Mater Admirabilis għen bil-kant u l-moviment għas-suċċess ta' din il-lejla letterarja.

4 ta' Jannar 1972: Harġa f'Għawdex. L-istudenti mas-Sur Cardona żaru postijiet storiċi u tkellimna mal-poeta Ġorġ Pisani. Smajna bl-aħbar kerha li fil-għodu kien miet is-Sur Nin Cremona fl-isptar tar-Rabat t'Għawdex.

5 ta' Jannar 1972: Marru għall-funeral tas-Sur Nin il-Prof. Ġ. Aquilina, is-Sur Ġ. Cardona, P.D. Fenech u s-Sur J. Vella.

*Stampat I-M.U.P.*
280 27 2400